



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, XXX
SANCO/10098/2009 Revision 2023
[...] (2023) XXX draft

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

**Dokument ta' Gwida dwar l-implimentazzjoni ta' xi dispożizzjonijiet tar-Regolament
(KE) Nru 853/2004 dwar l-iġjene tal-ikel li joriġina mill-animali**

Dan id-dokument ġie stabbilit għall-finijiet ta' informazzjoni biss. La ġie adottat u lanqas approvat, b'ebda mod, mill-Kummissjoni Ewropea.

Il-Kummissjoni Ewropea ma tiżgurax li l-informazzjoni pprovduta hija akkurata, u lanqas ma taċċetta r-responsabbiltà għal kwalunkwe użu li jsir minnha. L-utenti għandhom għalhekk jieħdu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa qabel ma jużaw din l-informazzjoni, u li l-użu tagħha huwa kompletament b'riskju għalihom.

L-GĦAN TA' DAN ID-DOKUMENT

Dan id-dokument huwa mmirat prinċipalment lejn in-negozji tal-ikel u l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, u għandu l-għan li jagħti gwida għall-implimentazzjoni tar-rekwiżiti ġodda dwar l-iġjene fl-ikel u dwar suġġetti relatati.

Il-qarrejja f' pajjiżi terzi jistgħu jsibu elementi utli fid-dokument sabiex jifhmu aħjar l-ambitu u l-għan tar-regoli tal-UE dwar l-iġjene fl-ikel.

NOTA

Dan id-dokument huwa dokument li qed jevolvi u se jiġi aġġornat biex jirrifletti l-esperjenzi u l-informazzjoni tal-Istati Membri, tal-awtoritajiet kompetenti, tan-negozji tal-ikel u tal-awditi tal-Kummissjoni.

1. INTRODUZZJONI

Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 li jistabbilixi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali, (minn issa 'l quddiem "ir-Regolament") ġie adottat fid-29 ta' April 2004¹ u ilu applikabbli mill-1 ta' Jannar 2006. Jistabbilixxi r-rekwiżiti tal-iġjene li jridu jitħarsu minn negozji tal-ikel li jkunu qed jipproċessaw ikel ta' oriġini mill-annimali fl-istadji kollha tal-katina tal-ikel. Minn meta ġie adottat ir-Regolament, il-Kummissjoni ntalbet tiċċara għadd ta' aspetti marbuta miegħu. Dan id-dokument jimmira li jsegwi dawn it-talbiet.

Id-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari għamel serje ta' laqgħat ma' esperti mill-Istati Membri sabiex jeżamina u jilħaq kunsens fuq għadd ta' kwistjonijiet li jikkonċernaw l-implimentazzjoni u l-interpretazzjoni tar-Regolament.

Biex ikun hemm trasparenza, il-Kummissjoni ppromwoviet ukoll diskussjonijiet mal-partijiet ikkonċernati sabiex tagħti ċ-ċans lill-interessi soċjoekonomiċi differenti jesprimu fehmithom. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni tista' torganizza laqgħa ma' rappreżentanti tal-produtturi, tal-industrija, tal-kummerċ u tal-konsumaturi biex isiru diskussjonijiet fuq kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tar-Regolament.

Dawn id-Dokumenti ta' gwida ġew aġġornati diversi drabi minn mindu ġiet ippubblikata l-verżjoni inizjali fl-2009, bl-għan li jadattaw għall-bidliet fir-rekwiżiti legali jew li jipprovdu kjarifika addizzjonali meta jitqies xieraq biex jittejjeb il-fehim tar-rekwiżiti legali u tiġi armonizzata l-applikazzjoni fl-Istati Membri kollha.

Ta' min jinnota li l-materji marbuta man-nuqqas ta' konformità tal-leġiżlazzjoni nazzjonali mar-Regolament jibqgħu barra mill-ambitu ta' dan l-eżerċizzju u jibqgħu jiġu ttrattati f'konformità ma' proċeduri stabbiliti tal-Kummissjoni.

Dan id-dokument għandu l-għan li jgħin lill-partijiet kollha fil-katina alimentari biex jifhmu aħjar ir-Regolament u japplikawh sew u b'mod uniformi. Iżda, dan id-dokument ma għandu l-ebda status legali formali u f'każ ta' tilwim, ir-responsabbiltà aħħarija għall-interpretazzjoni tal-liġi taqa' f'idejn il-Qorti tal-Ġustizzja.

Biex wieħed jifhem bis-siġħ l-aspetti differenti tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, huwa essenzjali li jkun familjari wkoll ma' partijiet oħra tal-leġiżlazzjoni Komunitarja, u b'mod partikolari mal-prinċipji u d-definizzjonijiet ta':

- Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi

¹ ĠU L 226, 25.6.2004, p.22

kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel² (magħruf ukoll bħala l-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel),

- Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-igiene tal-oġġetti tal-ikel³,
- Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali)⁴,
- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 tal-15 ta' Novembru 2005 dwar kriterji mikrobijoloġiċi għal oġġetti tal-ikel⁵,
- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/2005 tal-5 ta' Diċembru 2005 li jistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni għal ċerti prodotti taħt ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali taħt ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004, li jidderoga mir-Regolament (KE) Nru 852/2004 u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 853/2004 u (KE) Nru 854/2004⁶,
- Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1375 tal-10 ta' Awwissu 2015 li jistabbilixxi regoli speċifiċi dwar kontrolli uffiċjali għat-*Trichinella* fil-laħam⁷,

Ġew stabbiliti dokumenti ta' gwida separati, inkluż dwar ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 iżda żviluppjati wkoll minn organizzazzjonijiet nazzjonali jew Ewropej tal-partijiet ikkonċernati. Ara https://food.ec.europa.eu/safety/biological-safety/food-hygiene/guidance-platform_en. Gwida addizzjonali dwar ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tista' tinstab fuq: https://food.ec.europa.eu/horizontal-topics/general-food-law/food-law-general-requirements_en, https://food.ec.europa.eu/horizontal-topics/general-food-law/food-law-general-principles_en u

² ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1

³ ĠU L 226, 25.6.2004, p. 3

⁴ ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1

⁵ ĠU L 338, 22.12.2005, p. 1

⁶ ĠU L 338, 22.12.2005, p. 27

⁷ ĠU L 212, 11.8.2015, p. 7

https://food.ec.europa.eu/horizontal-topics/general-food-law/food-law-procedures_en .

2. **OBBLIGI TAL-OPERATURI TAN-NEGOZJI TAL-IKEL**

Ir-Regolament irid jiġi implimentat min-negozji tal-ikel. Dawn iridu jiżguraw li r-rekwiżiti kollha huma implimentati b'mod xieraq sabiex jiżguraw is-sikurezza alimentari.

In-negozji tal-ikel li jipproċessaw ikel ta' oriġini mill-annimali jridu jimplimentaw ir-rekwiżiti xierqa tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 flimkien mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 852/2004.

3. **KAMP TA' APPLIKAZZJONI (ARTIKOLU 1 TAR-REGOLAMENT)**

3.1. **Esklużjonijiet mir-Regolament (KE) Nru 853/2004 fir-rigward tal-provvista diretta ta' ċertu ikel lill-konsumatur finali jew lil stabbilimenti lokali tal-bejgħ bl-innut li jfornu direttament lil tali konsumatur finali**

Dawn l-esklużjonijiet ġew stabbiliti fl-Artikoli 1.3(c) sa (e) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004. L-esklużjonijiet japplikaw biss jekk:

- Kwantitajiet żgħar, **u**
- Prodotti primarji (pereżempju bajd, ħalib mhux ipproċessat, molluski bivalvi ħajjin jekk joriġinaw minn żoni ta' produzzjoni kklassifikati jew gastropodi tal-baħar u ekinodermi, minn żoni ta' produzzjoni mhux ikklassifikati) jew laħam tal-pollam jew tal-lagomorfi (mhux minn speċijiet oħra) maqtula fl-azjenda agrikola (inklużi prodotti tal-laħam u preparazzjonijiet magħmula minnhom fl-azjenda agrikola), jew kaċċa selvaġġa jew laħam tal-kaċċa selvaġġa, **u**
- Mill-produttur (il-ġemmieġhi fil-każ ta' molluski bivalvi ħajjin, is-sajjed jew il-bidwi/il-produttur primarju, qatt xi ħadd ieħor) jew il-kaċċatur.

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli nazzjonali li jirregolaw dawn l-attivitajiet u l-persuni.

L-istabbiliment lokali tal-bejgħ bl-innut (eż. biċċier, ristoranti, supermarket, ...), li jikkonsenja lill-konsumatur finali, jista' jipproċessa ulterjorment dawn il-prodotti, mingħajr l-obbligu li japplika r-Regolament (KE) Nru 853/2004, f'konformità mal-Artikolu 1.5(a) ta' dak ir-Regolament. Il-bejjieġh bl-innut jista' jikkonsenja ikel ta' oriġini mhux mill-annimali lil ħaddieħor minbarra l-konsumaturi finali. Il-bejjieġh bl-innut lokali jista' jforni biss ikel ta' oriġini mill-annimali, inklużi kwantitajiet żgħar ta' laħam ta' pollam, lagomorfi jew kaċċa selvaġġa, lil stabbiliment ieħor (inkluż bejjieġh bl-innut ieħor) jekk il-bejjieġh bl-innut lokali jikkonforma mar-Regolament (KE) Nru 853/2004 jew jekk il-bejjieġh bl-innut lokali jkun eskluż minn dak ir-Regolament f'konformità mal-Artikolu 1.5(b)(i) jew (ii) tiegħu.

3.2. Ipproċessar, attivitajiet, operazzjonijiet

Il-kliem “trattament”, “attivitajiet” u “operazzjonijiet” spiss jintużaw fir-Regolament (KE) Nru 853/2004. Dawn għandhom l-istess tifsira u għandhom jinftehimu b’mod wiesa’ li jkopru (fil-kuntest rilevanti), it-trobbija, il-qatla, l-ipproċessar, il-ħżin, it-trasport, it-tgeżwir mill-ġdid jew l-ippakkjar mill-ġdid,

3.3. Negozji żgħar

Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 ma jistabbilix kriterji għad-definizzjoni ta’ stabbilimenti żgħar. Għalkemm ma humiex vinkolanti, l-intrapriżi żgħar (u ta’ daqs medju) huma definiti fir-rakkomandazzjoni tal-UE 2003/361⁸ u jintużaw ukoll fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 702/2014⁹. L-għadd ta’ persunal, il-fatturat jew it-total tal-karta tal-bilanċ jistgħu jintużaw bħala fatturi determinanti.

Kategorija	L-għadd ta’ persunal	Fatturat	Total tal-karta tal-bilanċ
Ta’ daqs medju	< 250	< EUR 50 miljun	< EUR 43 miljun
Żgħira	< 50	< EUR 10 miljun	< EUR 10 miljun
Mikrointrapriża	< 10	< EUR 2 miljun	< EUR 2 miljun

Eżempju ieħor jista’ jinstab fir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627¹⁰. F’dak ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni, intużaw limiti għall-biċċeriji u għall-istabbilimenti li jipproċessaw il-kaċċa, biex tiġi applikata flessibilità, filwaqt li jitqiesu bħala stabbilimenti b’kapaċità baxxa¹¹ meta joqtlu jew jipproċessaw anqas minn 1 000 unità ta’ bhejjem jew anqas minn 150 000 għasfur, lagomorfi u kaċċa selvaġġa żgħira fis-sena.

⁸ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32003H0361>

⁹ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 702/2014 tal-25 ta’ Ġunju 2014 li jiddikjara ċertu kategoriji ta’ għajjnuna fis-setturi tal-agrikoltura u l-forestrija u f’żoni rurali kompatibbli mas-suq intern bl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 193, 1.7.2014, p. 1).

¹⁰ Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627 tal-15 ta’ Marzu 2019 li jistabbilixxi arranġamenti prattiċi uniformi għat-tweqqif ta’ kontrolli uffiċjali fuq prodotti mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem skont ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/2005 fir-rigward tal-kontrolli uffiċjali (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 51)

¹¹ Ara wkoll id-definizzjonijiet ta’ “biċċerija b’kapaċità baxxa” u “biċċerija li tipproċessa l-kaċċa b’kapaċità baxxa” fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/624 l-Artikolu 2(17) u (18).

Il-kriterji ta' hawn fuq jistgħu jagħtu orjentazzjoni f'każ li jitqiesu adattamenti skont id-dritt nazzjonali għal stabbilimenti żgħar f'konformità mal-Artikolu 10(3) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

3.4. Stabbilimenti li jipproċessaw l-ikel ta' oriġini mill-annimali li għalih ma huwa stabbilit l-ebda rekwiżit dettaljat

Għal ċerti prodott ta' oriġini mill-annimali (eż. għasel, insetti, laħam tar-rettili, laħam ikkultivat, mammiferi akkwatiċi), ir-Regolament ma jstabbilix regoli dettaljati. F'dak il-każ, l-ikel li ġej mill-annimali jrid jiġi pproċessat f'konformità mar-rekwiżiti rilevanti stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 852/2004 u anke f'konformità mar-regoli ġenerali għall-prodotti ta' oriġini mill-annimali stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 (b'mod partikolari r-regoli dwar prodott minn barra l-Komunità msemmija fl-Artikolu 6).

Barra minn hekk, is-sikurezza alimentari se tiġi żgurata għal għadd ta' prodott (insetti, laħam ikkultivat) minħabba l-ħtieġa ta' valutazzjoni mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel fil-qafas ta' awtorizzazzjoni għall-ikel ġdid. Madankollu, l-istabbiliment ta' rekwiżiti speċifiċi fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 jista' jitqies fil-futur jekk:

- Is-sehem mis-suq jiżdied u jiġu identifikati perikli speċifiċi sinifikanti li għandhom jiġu indirizzati;
- It-tekniki l-ġodda evolwew biżżejjed biex jiġu stabbiliti rekwiżiti speċifiċi komuni, li ma jimblokkawx innovazzjoni ulterjuri.

Minħabba li għal dawn il-prodotti ma hemm l-ebda rekwiżit fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, l-istabbilimenti li jipproċessaw il-prodotti ma għandhomx għalfejn ikunu approvati u lanqas ma għandhom għalfejn iwaħħlu marka ta' identifikazzjoni fuq l-ikel.

3.5. Prodotti koperti bir-Regolament (KE) Nru 853/2004

Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 japplika għal **ikel mhux ipproċessat u pproċessat ta' oriġini mill-annimali**.

Id-definizzjoni ta' "prodotti ta' oriġini mill-annimali" (il-punt 8.1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004) trid tinftehem b'mod wiesa' ħafna bħala kwalunkwe prodott derivat minn annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem. Il-prodotti ta' oriġini mill-annimali jistgħu jkunu jew mhux ipproċessati jew ipproċessati. Anke jekk ikun hemm diversi passi ta' pproċessar robusti li jibdlu b'mod sostanzjali l-prodott oriġinali ta' oriġini mill-annimali, il-prodott jibqa' prodott ta' oriġini mill-annimali peress li ma hemm l-ebda punt ta' tmiem fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 (eż. tranżizzjoni minn lanolina mis-suf għall-Vitamina D3). Il-prodotti komposti ma humiex inklużi fid-definizzjoni ta' "prodotti ta' oriġini mill-annimali".

- **Lista (mhux dettaljata) ta' prodotti mhux ipproċessati ta' oriġini mill-annimali** [kif definita fl-Artikolu 2, punt 1(n) tar-Regolament (KE) Nru 852/2004] tinsab fl-Anness I ta' dan.
- **Lista (mhux dettaljata) ta' prodotti pproċessati ta' oriġini mill-annimali** [kif definita fl-Artikolu 2, punt 1(o) tar-Regolament (KE) Nru 852/2004] tinsab fl-Anness II ta' dan id-dokument.

Meta jkun qed jiġi ddeterminat jekk prodott ta' oriġini mill-annimali huwiex ipproċessat jew le, huwa importanti li jitqiesu d-definizzjonijiet **kollha** rilevanti li jinsabu fir-regolamenti dwar l-iġjene, b'mod partikolari, id-definizzjonijiet ta' "ipproċessar", "prodotti mhux ipproċessati" u "prodotti pproċessati" fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004, u d-definizzjonijiet ta' ċerti prodotti pproċessati fit-Taqsima 7 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004. L-interrelazzjoni bejn dawn id-definizzjonijiet se tħalli impatt fuq id-deċiżjoni milħuqa.

Għal għadd ta' prodotti raffinati ħafna (it-Taqsima XVI tal-Anness III), huma stabbiliti biss rekwiżiti speċifiċi limitati bħall-oriġini tal-materja prima (il-punt (2) tat-Taqsima). Peress li dawn għadhom rekwiżiti speċifiċi fl-Anness III tar-Regolament, l-istabbilimenti kollha li jipproċessaw (il-produzzjoni, l-imballaġġ, eċċ.) il-prodotti raffinati ħafna jridu jiġu approvati f'konformità mal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, sakemm ma tkunx applikabbli deroga fl-Artikolu 4(2).

3.6. Ikel li fih kemm prodotti ta' oriġini mill-pjanti kif ukoll prodotti ta' oriġini mill-annimali (prodotti komposti)

Ara d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni: Guidance on general requirements on composite products and products which could erroneously be considered as composite products, including import conditions and controls¹².

3.7. Bejgħ bl-imnut

Sakemm ma jkunx espliċitament indikat mod ieħor, **ir-Regolament (KE) Nru 853/2004, inkluża l-approvazzjoni tal-istabbiliment, ma japplikax għall-bejgħ bl-imnut** [l-Artikolu 1, il-paragrafu 5(a)].

Id-definizzjoni ta' bejgħ bl-imnut tinsab fl-Artikolu 3, il-punt 7 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002. Din taqra kif ġej:

“bejgħ bl-imnut” tfisser l-immaniġġjar u/jew l-ipproċessar ta' ikel u l-ħażna tiegħu fil-punt tal-bejgħ jew twassil lill-konsumatur finali, u tinkludi stazzjonijiet ta' distribuzzjoni, operazzjonijiet ta' catering, canteens ta' fabbriki, catering istituzzjonali, u operazzjonijiet simili ta' servizzi ta' l-ikel, ħwienet, ċentri ta' tqassim ta' supermarkets u ħwienet li jbiegħu bl-ingrossa.

¹² Ara “Illustrative Guidance on import conditions for composite products” fuq https://food.ec.europa.eu/safety/biological-safety/food-hygiene/guidance-platform_en

Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 jeskludi fi prinċipju l-bejgħ bl-imnut (jiġifieri l-ipproċessar ta' ikel u l-ħażna tiegħu fil-post fejn jinbiegħ) mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Dan ifisser ukoll li meta, pereżempju, il-ġobon jiġi mmanifatturat u mibjugħ fi stabbiliment tal-bejgħ bl-imnut (eż. f'ħanut tal-bejgħ bl-imnut fl-azjenda agrikola), dawn l-attivitajiet jistgħu jitwettqu f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 852/2004 biss, u dan jirrikjedi r-reġistrazzjoni iżda l-ebda approvazzjoni (Ara madankollu wkoll it-tieni inċiż ta' hawn taħt jekk dan il-bidwi/bejjiiegħ bl-imnut ikun qed jipprovdi lil bejjiiegħ bl-imnut ieħor).

Madankollu, kif spjegat fil-premessi 12 u 13 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, id-definizzjoni ta' hawn fuq li tinkludi l-bejgħ bl-ingrossa fejn il-bejgħ dirett jew il-provvista tal-ikel hija lill-konsumatur finali. Dan ifisser li:

- Għal attivitajiet li jinvolvu bejgħ dirett jew forniment ta' ikel lill-konsumatur finali, ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 ikun biżżejjed. F'konformità mad-definizzjoni ta' "bejgħ bl-imnut", it-terminu "attivitajiet" jinkludi l-ipproċessar (eż. il-preparazzjoni ta' prodotti tal-furnar li fihom prodotti ta' oriġini mill-annimali, il-preparazzjoni ta' prodotti tal-laħam f'ħanut lokali tal-laħam) meta jsir il-bejgħ lill-konsumatur finali.
- Fir-rigward tal-bejjiiegħa bl-imnut li jfornu kwalunkwe ikel ta' oriġini mill-annimali lil stabbiliment ieħor japplika r-Regolament (KE) Nru 853/2004 ħlief:
 - għal stabbilimenti li għalihom l-operazzjonijiet jikkonsistu biss fil-ħażna u l-ġarr. F'dak il-każ, japplikaw ir-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 852/2004, u r-rekwiżiti tat-temperatura stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 853/2004, jew
 - jekk il-provvista tkun, f'konformità mal-liġi nazzjonali, **attività marġinali, lokali u ristretta** tal-bejjiiegħ bl-imnut lejn stabbiliment ieħor tal-bejgħ bl-imnut. F'dak il-każ, ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 biss japplika.

Meta l-infrastrutturi u t-tagħmir (eż. il-provvista tal-ilma, imħażen iffriżati) jintużaw minn diversi FBOs, jidher opportun li persuna/korp jinżamm responsabbli biex jiżgura li jintlaħqu r-rekwiżiti tal-iġjene għal daww l-infrastrutturi u tagħmir komuni.

Fl-Anness III jista' jinstab approċċ ta' ġerarkija tad-deċiżjonijiet biex jiġi vverifikat jekk l-istabbilimenti fil-livell tal-konsumatur humiex soġġetti għar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 853/2004. Wieħed għandu jinnota li bejjiiegħ bl-imnut li l-attivitajiet tiegħu ma humiex limitati għat-trasport u għall-ħżin, li jforni prodott ta' oriġini mill-annimali lil negozju tal-ikel mhux bl-imnut, irid jikkonforma mar-Regolament (KE) Nru 853/2004, inkluża l-approvazzjoni tal-istabbiliment, u l-FBO ma jistax jagħmel użu minn eżenzjoni taħt attività marġinali, lokali u ristretta peress li l-provvista ma hijiex bejn bejjiiegħa bl-imnut (jiġifieri lill-konsumatur

finali) eż. biċċier li jipprovdi l-laħam ikkapuljat lil FBO ieħor li juża l-laħam ikkapuljat biex jagħmel għaġiniet li jiġu furnuti lil negozji oħra.

Filwaqt li ċerta operazzjoni bħall-“bejgħ bl-ingrossa” ma hijiex definita, l-użu tal-ġerarkija tad-deċiżjonijiet fl-Anness III, abbażi tal-attività mwettqa, jipprovdi indikazzjonijiet ċari meta japplikaw ir-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

Iżda, f’konformità mal-Artikolu 1, il-paragrafu 5(c), l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jestendu d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 għall-istabbilimenti li jinsabu fit-territorju tagħhom li għalihom ma jkunux japplikaw. Meta jkunu qed japplikaw din il-possibiltà, l-Istati Membri għandhom ikunu ggwidati mill-prinċipji ġenerali tal-liġi dwar l-ikel, jiġifieri l-proporzjonalità u l-bżonn li jkollhom regoli li huma bbażati fuq ir-riskju.

3.8. Il-kunċett “attività marġinali, lokali u ristretta” kif issir referenza għaliha fl-Artikolu 1, il-paragrafu 5, il-punt b)ii tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

Dak il-kunċett jippermetti lill-ħwienet ġenwini li jbigħu bl-imnut, li jfornu lill-konsumatur finali (eż. biċċier) biex ifornu ikel ta’ oriġini mill-annimali lil negozju lokali ieħor li jbigħ bl-imnut skont ir-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 biss. Ir-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 (eż. l-approvazzjoni tal-istabbiliment, l-applikazzjoni ta’ marka ta’ identifikazzjoni) ma jkunux japplikaw. Il-kunċett “provvista marġinali, lokali u ristretta” toriġina mill-osservazzjoni li l-istabbilimenti li jbigħu bl-imnut, li jfornu lill-konsumatur finali bħala l-kummerċ ewlieni tagħhom, għandhom fil-verità jinnegozjaw il-prodotti tagħhom fuq livell lokali (anke jekk id-destinazzjoni tkun fi Stat Membru ieħor) u għalhekk ma humiex involuti f’kummerċ fuq distanzi twal li jkun jirrikjedi aktar attenzjoni u superviżjoni speċjalment fejn jidħol it-trasport u l-ħtieġa li l-prodotti jinżammu fil-frizza tul il-ġarr. Għalhekk, fil-każ ta’ Stat Membru kbir, dan ma jkunx konformi mar-Regolament li jestendi b’mod ġeografiku l-kunċett tal-“provvista marġinali, lokali u ristretta” lit-territorju kollu ta’ dak l-Istat Membru.

Il-kunċett huwa spjegat f’aktar dettall fil-premessa (13), fejn huwa enfasizzat li dik il-provvista għandha tkun biss parti żgħira min-negozju tal-istabbiliment li qed iforni; l-istabbiliment li jiġi furnut għandu jkun fil-viċinanza eżatta tiegħu, u l-provvista għandha tikkonċerna biss ċerti tipi ta’ prodotti jew stabbilimenti.

F’ċerti każi l-bejjiegħa (eż. il-biċċiera) jistgħu jipproduċu kwantitajiet żgħar (f’termini assoluti) ta’ ikel, li ħafna minnu jiġi furnut lill-caterers u/jew lil bejjiegħa bl-imnut oħra. F’dawk il-każijiet ikun hemm konformità mal-intenzjoni tar-Regolament li jgħin biex jibqgħu jintużaw metodi tradizzjonali ta’ distribuzzjoni, meta wieħed iqis li “marġinali” għandha tinkludi l-kunċett ta’ kwantitajiet żgħar. Għalhekk “marġinali” għandha tiġi interpretata bħala ammont żgħir ta’ ikel ta’ oriġini mill-annimali f’termini assoluti **jew** bħala parti żgħira min-negozji tal-istabbiliment. Minkejja kollox, l-abbinament tat-tliet kriterji pprovduti mir-Regolament għandu jippermetti li jiġu kwalifikati b’mod xieraq, ħafna sitwazzjonijiet.

Ir-regoli nazzjonali li għandhom jiġu adottati skont l-Artikolu 1, paragrafu 5, punt b) ii tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 iridu jkunu soġġetti għar-regoli ġenerali tat-Trattat, u b'mod partikolari l-Artikoli 28, 29 u 30 tiegħu.

3.9. Produzzjoni primarja koperta bir-Regolament (KE) Nru 853/2004

Għal ċerti prodotti ta' oriġini mill-annimali, il-kunċett "produzzjoni primarja" li ssir referenza għalih fir-Regolament (KE) Nru 852/2004 huwa żviluppat ulterjorment fir-Regolament (KE) Nru 853/2004:

Molluski bivalvi ħajjin [Anness III, Taqsima VII, punt 4(a)]

Fir-rigward ta' molluski bivalvi ħajjin, il-produzzjoni primarja tkopri l-ħidmiet li jsiru qabel ma l-molluski bivalvi ħajjin jaslu f'post tat-tluq, f'ċentru ta' purifikazzjoni, operatur intermedjarju approvat jew stabbiliment tal-ipproċessar.

Prodotti tas-sajd [Anness III, Taqsima VIII, punt 4 u Anness III, Taqsima VIII, punti 3(a) u (b)].

Fir-rigward tal-prodotti tas-sajd, il-produzzjoni primarja tinkludi t-trobbija/is-sajd/il-ġbir ta' prodotti tas-sajd ħajjin (*kemm jekk mill-ilma baħar kif ukoll jekk mill-ilma ħelu*) bil-ħsieb li jitqiegħdu fis-suq, u tinkludi l-operazzjonijiet assoċjati li ġejjin:

- Qtil, żvinar, qtugħ ta' rjus, evixxerazzjoni, tneħħija tal-ġwienaħ, tkessiħ u tgeżwir għall-ġarr, jekk isiru abbord bastimenti tas-sajd,
- Il-ġarr u l-ħażna ta' prodotti tas-sajd li n-natura tagħhom ma tantx tbiddlet, inklużi prodotti tas-sajd ħajjin, f'azjendi agrikoli fuq l-art, u
- Il-ġarr ta' prodotti tas-sajd (*sew jekk tal-ilma baħar jew tal-ilma ħelu*) li n-natura tagħhom ma tantx tbiddlet, inklużi prodotti tas-sajd ħajjin, mill-post tal-produzzjoni għall-ewwel stabbiliment ta' destinazzjoni.
- L-isturdament fil-livell tal-azjenda agrikola jew it-tbiċċir fuq il-baħar, inkluż għat-tonn imrobbi fejn l-isturdament u l-iżvinar jistgħu jitwettqu abbord bastiment li jappoġġa l-operazzjonijiet ta' ħsad. Jekk l-isturdament isir f'azjenda agrikola fuq l-art b'perkussjoni, jew bi żvinar wara l-isturdament, dawk l-attivitajiet ma jistgħux jitqiesu bħala operazzjonijiet assoċjati u, konsegwentement, dawk l-attivitajiet ma jistgħux jitqiesu bħala attivitajiet ta' produzzjoni primarja.

Ħalib mhux ipproċessat [Anness III, Taqsima IX, Kapitolu 1]

Ir-Regolament ikopri rekwiżiti li għandhom jiġu rispettati fir-razzett, b'mod partikolari fir-rigward tal-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali tal-ħalib, l-iġjene fl-azjendi li jipproduċu l-ħalib, u l-kriterji li għandhom jiġu rispettati għall-ħalib mhux ipproċessat.

Bajd [Anness III, Taqsima X, Kapitolu 1]

Ir-Regolament ikopri l-ipproċessar tal-bajd fil-bini tal-produttur, u jistabbilixxi li l-bajd irid jinżamm nadif, xott, mingħajr riħa estranja mhux intenzjonata, imħares sew mid-daqqiet u mhux espost direttament għax-xemx.

4. APPROVAZZJONI TA' STABILIMENTI (L-ARTIKOLU 4 TAR-REGOLAMENT)

4.1. Stabbilimenti soġġetti għall-approvazzjoni

Stabbilimenti, minbarra dawk li jagħmlu biss produzzjoni primarja, operazzjonijiet ta' ġarr, il-ħażna ta' prodotti li ma jirrikjedux kundizzjonijiet ta' ħażna b'temperatura kkontrollata jew operazzjonijiet ta' bejgħ bl-innut minbarra dawk li għalihom japplika dan ir-Regolament skont l-Artikolu 1(5)(b), li jipproċessaw dawk il-prodotti ta' oriġini mill-annimali li għalihom l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 jistabbilixxi r-rekwiżiti li jridu jkunu approvati. Dan jinvolvi firxa wiesgħa ta' stabbilimenti, inkluż stabbilimenti li jipproċessaw prodotti mhux ipproċessati u prodotti pproċessati ta' oriġini mill-annimali.

Lista mhux dettaljata ta' kategoriji ta' stabbilimenti soġġetti għall-approvazzjoni f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tinsab fl-Anness V ta' dan id-dokument.

Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 ma japplikax fi prinċipju għal stabbilimenti tal-bejgħ bl-innut li jfornu direttament ikel li joriġina mill-annimali lill-konsumatur finali (eż. ħwienet tal-laħam, supermarkets, produzzjoni ta' ġobon fir-razzett, eċċ, (ara l-punt 3.7)). Għalhekk, tali stabbilimenti tal-bejgħ bl-innut ma għandhomx għalfejn jiġu approvati.

4.2. Tbiċċir eżentat mill-approvazzjoni

Il-provvista diretta, mill-produttur, ta' **kwantitajiet żgħar ta' laħam mill-pollam u mil-lagomorfi** maqtula fir-razzett lill-konsumatur finali jew lill-istabbilimenti tal-bejgħ lokali, li jfornu direttament dak il-laħam lill-konsumatur finali, ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 853/2004. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli nazzjonali biex jiżguraw is-sikurezza ta' dak il-laħam [ara l-Artikolu 1, il-paragrafu (d) tar-Regolament].

Fil-każ ta' "**qtil għall-konsum privat domestiku**", tali attività ssir minn persuna privata li ma tistax titqies bħala operatur ta' negozju tal-ikel. Barra minn hekk, il-laħam li jirriżulta minn dik il-qatla ma jitqiegħedx fis-suq. Għalhekk qatla għal konsum domestiku privat ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 u 853/2004. L-Istati Membri jista' jkollhom regoli nazzjonali stabbiliti fir-rigward ta' din it-tip ta' qatla. Il-konsum domestiku għandu jinftiehem bħala l-konsum mis-sid tal-annimal f'daru, inklużi l-klijenti privati temporanji, iżda mingħajr ebda kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti miksuba.

4.3. L-approvazzjoni ta' mħażen tal-friża

4.3.1. Imħażen tal-friża fil-livell tal-konsumatur

L-Artikolu 1, paragrafu 5(a) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 jistabbilixxi li: **“Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor, dan ir-Regolament ma għandux japplika għal bejgħ bl-imnut”**.

L-imħażen tal-friża li jkunu parti minn stabbiliment tal-bejgħ bl-imnut ma humiex soġġetti għar-Regolament sakemm ma tkunx meħtieġa approvazzjoni għall-attività tal-bejgħ bl-imnut (ara t-Taqsima 3.7 ta' din il-gwida),

L-imħażen tal-friża awtonomi li huma involuti f'operazzjonijiet tal-bejgħ bl-ingrossa li huma limitati għat-trasport u għall-ħżin, ma għandhomx bżonn jiġu approvati iżda jibqgħu soġġetti għar-rekwiżiti tat-temperatura. Madankollu, meta dawn l-operazzjonijiet bl-ingrossa jinkludu aktar mill-ħażna u t-trasport (pereżempju t-tqattigħ, it-tqattigħ, it-tgeżwir mill-ġdid, l-iffriżar fil-qafas tad-donazzjonijiet tal-ikel), l-imħażen keşhin huma stabbilimenti li jridu jiġu approvati f'konformità mal-Artikolu 4.2. Fi kliem ieħor, meta r-Regolament (KE) Nru 853/2004 japplika għall-operazzjoni tal-bejgħ bl-imnut (ara d-dijagramma tad-deċiżjonijiet fl-Anness III), tkun meħtieġa l-approvazzjoni tal-maħżen tal-friża.

4.3.2. Imħażen tal-friża oħra (mhux relatati mal-bejgħ bl-imnut)

Irrispettivament mill-attività mwettqa f'maħżen tal-friża, l-eżenzjonijiet skont l-Artikolu 1(5)(b) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 ma japplikawx meta dawn l-imħażen tal-friża ovvjament ma jkunux bejjieġha bl-imnut eż. imħażen tal-friża awtonomi li jaħżnu karkassi jew qatgħat tal-laħam għal provvista ulterjuri lil stabbilimenti (impjanti tal-qtuġh, impjanti li jipproċessaw il-laħam) li huma soġġetti għall-approvazzjoni skont l-Artikolu 4(2) ta' dan ir-Regolament. Tali mħażen tal-friża jridu dejjem jiġu approvati kif ukoll il-ħżin fil-keşha bħala parti minn stabbiliment li jeħtieġ l-approvazzjoni (eż. biċċerija, impjant tal-qtuġh, stabbiliment li jipproċessa l-ħut u l-prodotti tal-ħalib, ...).

L-Anness IV jipprovdi dijagramma tad-deċiżjonijiet biex jiġu vverifikati r-rekwiżiti applikabbli għall-imħażen tal-friża.

4.4. Stabbilimenti li jgeżwru mill-Ġdid

L-istabbilimenti li jgeżwru mill-ġdid jaħdmu biex ineħħu mill-pakkett prodotti ta' oriġini mill-annimali, li qabel kienu tgeżwru fi stabbiliment ieħor. Dawk il-ħidmiet ta' tneħħija mill-pakkett u ta' tgeżwir mill-ġdid jistgħu jiġu abbinati ma' ħidmiet bħal qtuġh ta' ikel fi flieli u f'biċċiet.

L-istabbilimenti li jgeżwru mill-ġdid jipproċessaw il-prodotti esposti ta' oriġini mill-annimali. Irid jitqies li, meta jipproċessaw prodotti ta' oriġini mill-annimali, li huma koperti bl-Anness III tar-Regolament, huma jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 4, il-paragrafu 2 tar-Regolament. Għalhekk, hija

meħtieġa l-approvazzjoni tagħhom. Dan huwa approċċ aċċessibbli loġiku minħabba li jistgħu jiddaħħlu perikli ġodda fil-livell ta' dawk l-istabbilimenti.

Sabiex tiġi żgurata t-traċċabbiltà, l-operaturi tan-negozju tal-ikel ma għandhomx iqiegħdu fis-suq prodotti ta' oriġini mill-annimali pproċessat fi stabbilimenti tat-tgeżwir mill-ġdid sakemm ma tiġix applikata l-marka ta' identifikazzjoni tal-istabbiliment tat-tgeżwir mill-ġdid.

5. KWISTJONIJIET TEKNIĊI

LAĦAM

5.1. Speċijiet ta' annimali

Id-definizzjonijiet ta' ċerti speċijiet ta' annimali huma mogħtija fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

- Fir-rigward tal-punt 1.2 “ungulati domestiċi” huma definiti bħala “*bovini domestiċi (inkluż l-ispeċi Bubalus u Bison) (...)*”. L-annimali jak jew żebu jaqgħu taħt bovini domestiċi wkoll.
- Fir-rigward tal-punt 1.6 “tjur imrobbija fl-irziezet” huma definiti bħala “*għasafar li ma jtirux u mammali tal-art imrobbija minbarra dawk imsemmija fil-punt 1.2*”. Ir-renni (*Rangifer tarandus tarandus*) li tradizzjonalment jiġu mrobbija huma wkoll kaċċa selvaġġa mrobbija. Il-lama u l-alpaka mrobbija huma wkoll kaċċa selvaġġa mrobbija peress li ma jaqgħux taħt id-definizzjoni ta' unġulati domestiċi.

5.2. Annimali nodfa

“Ir-rekwiżit li l-annimali jkunu nodfa jissemma' f'diversi partijiet tar-regoli l-ġodda dwar l-Iġjene:

- Il-bdiewa jridu jieħdu miżuri adegwati, kemm jista' jkun, sabiex jiżguraw l-indafa tal-annimali li jkunu se jinqatlu (l-Anness I, il-Parti A, il-punt II. 4(c) tar-Regolament (KE) Nru 852/2004);
- L-operaturi tal-biċċeriji jridu jiżguraw li l-annimali jkunu nodfa (l-Anness III, it-Taqsima I, il-Kapitolu IV, il-punt 4 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004);
- Il-veterinarju uffiċjali jrid jivverifika l-konformità mar-rekwiżit biex jiżgura li l-annimali li jkollhom kundizzjonijiet bħal dawn għall-ġilda jew għas-suf, li ma jkunx hemm riskju inaċċettabbli ta' kontaminazzjoni tal-laħam waqt il-qtil, ma jitbiċċrux qabel ma jkunu tnaddfu minn qabel (l-Artikoli 11.4 u 43.2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627)

L-isfond għal dan ir-rekwiżit huwa li hemm prova sostanzjali li annimali mhux nodfa kienu s-sors ta' kontaminazzjoni tal-karkassi u ta' avvelenament sussegwenti

mill-ikel. Għalhekk, l-annimali li jintbagħtu għall-qtil iridu jkunu nodfa biżżejjed sabiex ma jippreżentawx riskju inaċċettabbli għall-operazzjonijiet ta' tbiċċir u ta' tlestija.

L-objettiv tar-rekwiżit huwa tabilħaqq li tiġi evitata l-kontaminazzjoni tal-laħam waqt il-qatla sabiex jiġi żgurat li tinkiseb is-sikurezza mikrobijoloġika meħtieġa mid-dritt tal-Unjoni.

L-iżvilupp tal-mezzi sabiex jintlaħaq l-objettiv huwa kompitu li għandu jinkiseb mill-operaturi ta' negozju tal-ikel ikkonċernati. Hemm mezzi differenti kif jintlaħaq l-objettiv, inklużi:

- It-tindif effettiv tal-annimali, u/jew
- L-għażla tal-annimali skont l-indafa u l-iżvilupp ta' skema xierqa tal-qatla, u/jew
- L-iżvilupp ta' proċeduri għat-tlestija iġjenika tal-annimali li jridu jiproteġu l-karkassi minn kontaminazzjoni bla bżonn, u/jew
- Proċeduri xierqa oħrajn.

Il-gwidi għal prattika tajba jistgħu jkunu għodda xierqa sabiex jgħinu lill-operaturi tal-biċċeriji fid-definizzjoni ta' dawn il-mezzi. Ara "Guidance on sharing Good Practices in slaughter hygiene"¹³

Huwa kompitu tal-awtorità kompetenti li tivverifika jekk il-proċeduri żviluppatti mill-operaturi twettqux sew.

5.3. Faċilitajiet għaż-żamma temporanja tal-annimali u artijiet żgħar imdawra bi lqugħ fejn jistkennu l-annimali

L-Anness III, it-Taqsima I, il-Kapitolu II, il-punt 1(a) tar-Regolament jistabbilixxi li "*Il-biċċeriji għandu jkollhom stalel adegwati u iġjeniċi fejn jitqiegħdu l-bhejjem, jew meta jippermetti t-temp, reċinti fejn jistrieħu li jitnaddfu u jiddiżinfettaw rwieħhom faċilment. Dawn il-faċilitajiet għandu jkun fihom ilma biex jinstqew, jew jekk ikun hemm bżonn, jintemgħu l-annimali.*"

Bħal fil-każ ta' rekwiżiti oħra, irid jiġi jitħares il-prinċipju ta' proporzjonalità meta jiġi deċiż kif iridu jkunu l-imraquad tal-annimali jew l-artijiet żgħar miftuħa fejn iridu jstkennu. Għall-biċċeriji ż-żgħar, li joqtlu ftit annimali, ma hemmx għalfejn infrastrutturi sofistikati jew estensivi, u t-tagħmir għat-tisqija u jekk ikun meħtieġ għall-għalf tal-annimali jista' jkun sempliċi (eż. tagħmir ambulanti).

¹³ https://food.ec.europa.eu/safety/biological-safety/food-hygiene/guidance-platform_en

5.4. Tagħmir għall-isterilizzazzjoni tas-skieken

L-Anness III, it-Taqsima I, il-Kapitolu II, il-punt 3 tar-Regolament jistabbilixxi li l-biċċeriji *“irid ikollhom faċilitajiet biex jiddiżinfettaw l-għodod bl-ilma jaħraq li jkollu temperatura ta’ mhux anqas minn 82 °C jew sistema alternattiva li jkollha l-istess effett.”*

Intwera tħassib mill-operaturi ta’ biċċeriji żgħar li dan ir-rekwiżit, fir-rigward tal-isterilizzazzjoni tas-skieken, jista’ johlq il-bżonn li jkun hemm ħafna faċilitajiet fil-kamra fejn issir il-qatla.

L-għan tar-rekwiżit huwa li jiżgura li l-laħam ma jiġix kontaminat mit-tagħmir, eż. is-skieken. Dan il-għan jista’ jintlaħaq b’mezzi differenti, bħal:

- Li jkollhom tagħmir li jsterilizza s-skieken f’postijiet kruċjali fil-biċċeriji, li jkun direttament aċċessibbli għall-ħaddiema. Dak it-tagħmir jista’ jkun l-għażla xierqa fil-biċċeriji l-kbar.
- L-isterilizzazzjoni f’operazzjoni waħda ta’ għadd ta’ skieken, biżżejjed biex tiżgura li jkun hemm skieken nodfa tul l-operazzjonijiet tal-qatla. Din is-soluzzjoni tista’ tkun xierqa f’biċċeriji b’kapaċità baxxa.

5.5. Bċejjeċ għar-rimi u biċċiet maqtugħa għar-rimi

L-Anness III, it-Taqsima V, il-Kapitolu II, il-punt 1(c)(i) jistabbilixxi li *“il-materjal mhux ipproċessat użat fit-tiswir ta’ laħam ikkapuljat ma jridx jiġi minn bċejjeċ mormija u biċċiet maqtugħa u mormija (barra minn biċċiet sħaħ tal-muskoli)”*.

Minħabba li l-kelma “rimi” tista’ tfisser jew “biċċiet żgħar” jew “skart”, saru diversi talbiet biex jiġi ċċarat x’għandu jinftehem bit-termini “biċċiet mormija u qatgħat mormija”.

F’termini ġenerali, ma jidhirx li jagħmel sens li jiġu pprojbiti prodotti adatti għall-konsum mill-bniedem milli jintużaw għall-konsum mill-bniedem. L-użu ta’ biċċiet żgħar (bċejjeċ u qatgħat) ta’ laħam li huma tajbin għall-konsum mill-bniedem, biex minnhom isir il-laħam ikkapuljat ma għandhomx għalhekk ikunu ta’ problema. B’dan wieħed jifhem li l-kwalità mikrobijoloġika tal-laħam ikkapuljat trid tkun żgurata l-ħin kollu, u li ttieħdu minn muskoli sħaħ.

5.6. L-evalwazzjoni tal-informazzjoni dwar il-katina alimentari mill-operatur tal-biċċerija

Fir-rigward tal-informazzjoni dwar il-katina alimentari, l-Anness II, it-Taqsima III, il-punt 5 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 jistabbilixxi li l-operaturi tal-biċċerija jridu, sabiex jiċċekkjaw jekk għandhomx jaċċettaw jew ma jaċċettawx annimali fil-bini tagħhom, jevalwaw l-informazzjoni rilevanti qabel ma jagħtuha lill-veterinarju uffiċjali.

Fil-prattika, l-operatur tal-biċċerija għandu **jiċċekkja** li l-informazzjoni dwar il-katina alimentari li tiġi ppreżentata tkun sħiħa bla ebda żball li jidher jew mingħajr ommissjonijiet, u tista' titqies effettiva biex tappoġġa d-deċiżjoni tiegħu. Ma timponix fuq l-operatur tal-biċċerija biex jagħmel evalwazzjoni professjonali tal-informazzjoni lil hinn mill-evalwazzjoni tal-miżuri li għandu jimplementa f'konformità mal-proċeduri operattivi standard tiegħu peress li evalwazzjoni ulterjuri tista' titwettaq biss b'mod professjonali mill-veterinarju uffiċjali.

5.7. Il-possibiltajiet ta' skarnar fl-azjenda ta' provenjenza, inklużi l-biċċeriji mobbli

Kien hemm domanda dejjem akbar għall-possibbiltà li l-annimali jinqatlu fir-razzett sabiex jiġu evitati kwistjonijiet ta' benesseri tal-annimali matul it-trasport lejn il-biċċerija. Madankollu, l-għan tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 irid iżomm l-assigurazzjoni ta' iġjene/sikurezza tajba tal-laħam. Madankollu, diversi possibiltajiet huma inklużi fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 biex jippermettu l-qatla fl-azjenda ta' provenjenza soġġetta għal ċerti kundizzjonijiet, kif muri fit-Tabelli 1 u 2.

Tabella 1 Possibiltajiet ta' skarnar u preparazzjoni fl-azjenda ta' provenjenza

Speċi	Skarnar sħiħ
L-ispeċijiet domestiċi kollha u l-kaċċa selvaġġa mrobbija	Biċċerija fissa (żgħira) approvata
	Biċċerija mobbli sħiħa approvata
	Semi-mobbli, approvata flimkien ma' partijiet fissi, eż. għaż-żamma temporanja jew għat-tkessiħ
	Għall-konsum domestiku privat mingħajr tqegħid fis-suq
Pollam u lagomorfi, renni (<i>Rangifer tarandus tarandus</i> , f'ċerti żoni tal-Finlandja u tal-Iżvezja)	Kwantitajiet żgħar ta' laħam ipprovduti direttament lill-konsumatur finali jew lill-istabbiliment lokali tal-bejgħ bl-innut li jfornu direttament lill-konsumatur finali

Tabella 2 Possibiltajiet ta' sturdament u żvinar (+ tneħħija possibbli tal-istonku u tal-intestini) fl-azjenda ta' provenjenza soġġetta għal ċerti kundizzjonijiet

Speċi	Sturdament u żvinar (+ tneħħija possibbli tal-istonku u tal-intestini)

Ungulati domestiċi	Qtil b'emerġenza
Annimali bovini, kaprini, ovini u porċini domestiċi u solipedi	Għadd limitat
Ratiti mrobbija, unġulati tal-kaċċa mrobbija u biżonti	Biex jiġi evitat kwalunkwe riskju għal min jieħu ħsieb l-annimal jew biex jiġu evitati korrimenti tal-annimali waqt it-trasport
Pollam, wiżż u papri b'evixxerazzjoni mdewma għall-produzzjoni ta' "foie gras", kaċċa selvaġġa (żgħira) imrobbija	Permess

L-attivitajiet sħaħ ta' qatla u tlestija fir-razzett iridu jitwettqu f'konformità mar-rekwiżiti ġenerali xierqa tal-iġjene tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 u mar-regoli speċifiċi tal-iġjene tal-ikel għall-produzzjoni tal-laħam stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 853/2004. Dan jinkludi li l-faċilitajiet tal-qtil iridu jkunu approvati mill-awtorità kompetenti. L-eċċezzjonijiet għall-approvazzjoni huma t-tbiċċir għall-fini ta' konsum domestiku privat mingħajr tqegħid fis-suq u fil-każ ta' kwantitajiet żgħar ta' laħam tal-pollam u tal-lagomorfi, fornuti direttament lill-konsumatur finali jew lill-istabbiliment lokali tal-bejgħ bl-imnut li jforni direttament lill-konsumatur finali f'konformità mal-Artikolu 1.3 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

Il-possibbiltà li l-**isturdament u l-iżvinar tal-ungulati jsiru fl-azjenda ta' provenjenza** tista' tkun pjuttost ta' sfida mill-perspettiva tal-iġjene, eż. kontaminazzjoni inkroċjata tar-riskju tal-karkassi matul it-trasport lejn il-biċċerija u għalhekk jittieħed approċċ prudenti permezz ta' limitazzjoni tal-ispeċi u tal-għadd ta' annimali u mill-preżenza obbligatorja ta' veterinarju uffiċjali.

Fejn jidhrilhom li r-rekwiżiti infrastrutturali tar-Regolamenti (KE) Nru 852/2004 u 853/2004 huma sproporzjonati għall-qtil fir-razzett, l-Istati Membri jistgħu jadattaw dawk ir-rekwiżiti, billi jadattaw miżuri nazzjonali, f'konformità mal-proċedura stabbilita għal dak il-għan fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 u/jew l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

L-**attivitajiet transfruntiera tal-biċċerija** huma soġġetti għal ċerti restrizzjonijiet:

- l-approvazzjoni ta' biċċerija mobbli sħiħa f'kull Stat Membru fejn topera l-biċċerija (bl-applikazzjoni ta' marka tas-saħħa/identifikazzjoni differenti) peress li l-approvazzjoni ta' stabbiliment f'territorju hija l-kompetenza ta' kull awtorità nazzjonali;

- ma hemm l-ebda restrizzjoni addizzjonali fil-każ ta' użu transfruntier ta' unitajiet mobbli (kaxxi tal-qatla) f'konformità mal-Kapitolu VII tat-Taqsima I tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004: l-ispezzjoni *ante-mortem* tista' ssir fil-pajjiż A mill-ewwel veterinarju uffiċjali tal-pajjiż A, filwaqt li l-ispezzjoni *post-mortem* tista' ssir fil-biċċerija fil-pajjiż B billi, taħt superviżjoni jew taħt ir-responsabbiltà ta' veterinarju uffiċjali ieħor tal-pajjiż B. In-numru tal-approvazzjoni/il-marka tas-saħħa hija dik tal-biċċerija li minnha jagħmlu parti l-unitajiet mobbli.

5.8. Iffriżar ta' laħam frisk “mingħajr dewmien żejjed”

Il-punt 4 tal-Kapitolu VII tat-Taqsima I (laħam ta' unġulati domestiċi) tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 jistabbilixxi li “*Il-laħam maħsub għall-iffriżar irid jiġi ffriztat mingħajr dewmien żejjed, filwaqt li jitqies, meta meħtieġ, perjodu ta' stabbilizzazzjoni qabel l-iffriżar*”. Il-perjodu ta' stabbilizzazzjoni jirreferi għall-perjodu ta' żmien li normalment ikun jikkonsisti fi ftit jiem. Matul dan il-perjodu, il-laħam jista' jinqata' u/jew jiġi ttrasportat lejn maħżen tal-friża. L-iffriżar mingħajr dewmien żejjed japplika wkoll għal-laħam tal-pollam u tal-lagomorfi (l-Anness III, it-Taqsima II, il-Kapitolu V, il-punt 5 tar-Regolament).

Konsegwentement, l-iffriżar tal-laħam irid iseħħ ftit wara t-tbiċċir u ma huwiex permess fil-każ ta' laħam:

- qrib id-data sa meta għandu jintuża bħala mod kif jinħażen aktar fit-tul laħam bħal dan għal ipproċessar ulterjuri,
- ippakkjat bil-vakwu għall-ħżin bħala laħam imkessaħ lil hinn mill-perjodu ta' stabbilizzazzjoni.

Saret eċċezzjoni għall-fini ta' donazzjonijiet tal-ikel fil-livell tal-konsumatur f'ċerti kundizzjonijiet stabbiliti fir-rekwiżiti ta' hawn fuq, biex tiġi ffaċilitata r-ridistribuzzjoni sikura tal-ikel f'dak il-qafas. Barra minn hekk, il-maturazzjoni fin-niexef taċ-ċanga tirriżulta f'bidliet sensorjali tal-laħam, li wara dan, l-iffriżar huwa permess mingħajr dewmien żejjed.

5.9. Rolling window fir-rigward tal-għadd tal-kolonja aerobika tal-karkassa

L-għadd medju massimu ta' kuljum tal-kolonja aerobika tal-karkassa japplika f'każ ta' trasport ta' karkassi ta' unġulati domestiċi f'temperatura oġhla minn 7 °C. Jeħtieġ li tintuża rolling window ta' 10 ġimġhat biex tiġi kkalkolata din il-medja. B'mod ġenerali, din ir-rolling window ta' 10 ġimġhat tikkorrispondi għal 10 sessjonijiet konsekuttivi ta' kampjunar meta jitqies li r-Regolament (KE) Nru 2073/2005 jistipula li l-FBOs għandhom jieħdu kampjuni għall-analiżi mikrobijoloġika mill-anqas darba fil-ġimġha għall-għadd tal-kolonji aerobiċi. F'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2073/2005, il-frekwenza tal-kampjunar tal-karkassi għall-analiżijiet tal-għadd tal-kolonji aerobiċi tista' titnaqqas għal ittestjar kull ġimagħtejn jekk jinkisbu riżultati sodisfaċenti għal sitt ġimġhat konsekuttivi. F'każ bħal dan u fid-dawl ta' approċċ armonizzat madwar l-UE, 10

ġimgħat għandhom jinftiehm bħala 10 ġimgħat ta' kampjunar jew 10 sessjonijiet ta' kampjunar.

5.10. Preparati tal-laħam u prodotti tal-laħam

5.10.1. Materja prima għall-preparati tal-laħam

Il-materja prima li tista' tintuża fil-preparati tal-laħam hija stabbilita fil-punt 2 tal-Kapitolu II tat-Taqsima V tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004. Laħam frisk li fih l-għadam jew il-għud jista' jintuża bħala materja prima għall-preparati tal-laħam peress li jaqa' taħt id-definizzjoni ta' laħam frisk. Madankollu, dawn ma jistgħux jintużaw biex jiġu prodotti preparati tal-laħam magħmula minn laħam ikkapuljat (jew biex jiġi prodott laħam ikkapuljat).

5.10.2. Preparati tal-laħam u prodotti tal-laħam?

L-Anness I tar-Regolament (KE) 853/2004 jiddefinixxi:

- “Preparati tal-laħam” tfisser “laħam frisk, inkluż laħam imqatta' biċċiet żgħar, li miegħu żdied ikel ieħor, ħwawar, jew addittivi jew li għadda minn proċessi li ma kinux biżżejjed biex jimmodifikaw l-istruttura interna tal-fibra tal-muskoli tal-laħam li b'hekk jintilfu l-karatteristiċi ta' laħam frisk.” (punt 1.15).
- “Prodotti tal-laħam” tfisser “prodotti pproċessati li jirriżultaw mill-ipproċessar ta' laħam jew mill-ipproċessar ulterjuri ta' prodotti pproċessati bħal dawn, ħalli l-wieċ maqtuġħ ma jkunx juri iktar il-karatteristiċi ta' laħam frisk.” (punt 7.1).

Id-definizzjonijiet ta' “ipproċessar”, “prodotti mhux ipproċessati” u “prodotti pproċessati” huma stabbiliti, rispettivament, fl-Artikolu 2(1)(m), (n) u (o) tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 u huma applikabbli għall-oġġetti kollha tal-ikel, inkluż il-laħam.

Il-prodotti kollha tal-laħam jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' “prodottipproċessati”. Il-preparati tal-laħam jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' “prodotti mhux ipproċessati”. Fil-fatt, anke jekk azzjoni msemmija fid-definizzjoni ta' “pproċessar” issir fuq laħam frisk, li ma hijiex biżżejjed għall-modifika tal-istruttura interna tal-fibra muskolari tal-laħam, u b'hekk ma jiġux eliminati l-karatteristiċi tal-laħam frisk, il-prodott finali huwa preparat tal-laħam, u b'hekk prodott mhux ipproċessat. Madankollu, jekk din l-azzjoni kienet biżżejjed biex timmodifika l-istruttura tal-fibra interna tal-laħam u b'hekk biddlet sostanzjalment il-prodott, il-prodott finali huwa prodott tal-laħam (jew prodott ipproċessat).

Id-definizzjonijiet ta' “preparati tal-laħam” u “prodotti tal-laħam” (u oħrajn fir-Regolament (KE) Nru 853/2004) huma intenzjonalment wesgħin minħabba li t-teknoloġija tal-laħam hija innovattiva. Hemm, madankollu, il-ħtieġa li l-prodotti jaqgħu taħt definizzjoni partikolari u għandhom jiġu mmanifatturati skont ir-rekwiżiti ta' iġjene rilevanti. Barra minn hekk, ir-regoli dwar l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni, l-addittivi u t-tikkettar jirreferu għal dawn id-definizzjonijiet

u, bħala tali, l-armonizzazzjoni tal-applikazzjoni sa fejn huwa possibbli hija essenzjali.

Il-prodotti jistgħu jitqiegħdu fis-suq qabel ma l-ipproċessar jirriżulta f'tibdil sħiħ fl-istruttura interna tal-fibra tal-muskoli/tal-laħam. F'dawn il-każijiet, il-grad sa fejn il-karatteristiċi ta' laħam frisk ġew eliminati fil-punt meta prodott jitqiegħed fis-suq se jiddetermina d-definizzjoni li jaqa' taħtha. Jekk il-karatteristiċi ta' laħam frisk ma humiex eliminati kompletament, il-prodott għandu jiġi kkunsidrat li jaqa' taħt id-definizzjoni ta' "preparati tal-laħam". Jekk il-karatteristiċi ta' laħam frisk jiġu eliminati kompletament, għandu jiġi kkunsidrat li jaqa' taħt id-definizzjoni ta' "prodotti tal-laħam".

Xi pproċessar jelimina viżwalment il-karatteristiċi ta' laħam frisk (eż. tiħin, affumikazzjoni, tnixxif) u jagħmilha possibbli li ssir distinzjoni ċara ma' preparazzjonijiet ta' laħam (eż. laħam imsajjar biss fuq il-wiċċ) minn prodotti tal-laħam (laħam imsajjar minn ġewwa).

F'każijiet oħra, l-għajbien tal-karatteristiċi tal-laħam frisk huwa aktar sottili u gradwali b'tekniki ta' pproċessar bħat-tmelliħ, il-preżervazzjoni u l-marinar. F'każijiet bħal dawn, l-eliminazzjoni tal-karatteristiċi tal-laħam frisk għandha tiġi vvalutata fil-mument tat-tqegħid fis-suq biex jiġi deċiż jekk tali tqegħid għandux ikun bħala preparat tal-laħam jew prodott tal-laħam. Is-sempliċi żieda tal-ħwawar, tal-ingredjenti jew tal-addittivi (xi drabi msejħa b'mod żbaljat marinanti) innifisha ma hijiex ipproċessar. Huwa biss meta ż-żieda ta' aċidi organiċi u/jew ta' melħ tkun akkumpanjata minn effett ta' pproċessar bit-telf tal-karatteristiċi ta' laħam frisk fil-qalba tal-prodott qabel ma jitqiegħed fis-suq, li huwa prodott tal-laħam.

Għalhekk jistgħu jingħataw l-eżempji li ġejjin:

- a) Laħam ikkapuljat li miegħu żdiedu oġġetti tal-ikel, ħwawar jew addittivi oħra mingħajr effett fuq il-karatteristiċi tal-laħam frisk (ikkapuljat) isir preparat tal-laħam¹⁴.
- b) L-immarinar huwa preparazzjoni likwida eżoġena li tinkorpora mill-anqas l-aċidi organiċi jew l-imluħa tagħhom u li tintuża biex jitrattab u jiġi ppreżervat il-laħam: jista' jkun mielaħ u/jew ħelu, bil-kundizzjoni, possibbilment żejtni u/jew alkoħoliku. Is-salmura hija soluzzjoni li tal-anqas tikkonsisti minn ilma u melħ użati għall-preżervazzjoni: jista' jkun fiha biss ingredjenti u addittivi permessi fil-prodott li tiżdied miegħu. L-immarinar u l-preżervazzjoni jitqiesu bħala pproċessar minħabba li jbiddu sostanzjalment il-prodott inizjali b'rabta mal-pH, il-kontenut tal-melħ (ara l-punt 1(m) tal-Artikolu 2 tar-Regolament ((KE) Nru 852/2004). Madankollu, preparat tal-laħam issir biss prodott tal-laħam meta jkun ġie pproċessat bir-reqqa u b'konsegwenza ta' dan, l-istruttura interna tal-fibra muskolari tal-

¹⁴ Jekk jiżdied biss il-melħ u l-kontenut tal-melħ ikun anqas minn 1 %, dan jibqa' laħam frisk u ma jkunx preparat tal-laħam.

laħam ġiet modifikata (ara d-definizzjoni tal-prodott tal-laħam) fi kwalunkwe post fil-prodott. Konsegwentement:

- i. Il-laħam frisk li jkun ġie mmarinat kompletament sal-qalba ġeneralment jaqa' fid-definizzjoni ta' "prodotti tal-laħam" peress li dan il-proċess jirriżulta f'denaturazzjoni tal-proteini tal-fibra tal-muskoli li tikkostitwixxi modifika tal-istruttura interna tal-fibra tal-muskoli. Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-proċess ta' applikazzjoni tal-immarinar tiggarantixxi diffużjoni omoġenja tal-immarinar lejn il-qalba tal-laħam (eż. permezz ta' injezzjoni bl-użu ta' injettur tal-immarinar b'aktar minn ras waħda, permezz ta' trattament mekkaniku minn magna tat-tumbling tal-laħam, permezz ta' immersjoni fit-tul sabiex tiġi żgurata l-aktar distribuzzjoni uniformi tal-immarinar).
 - ii. Il-laħam frisk li ma jkunx ġie mmarinat kompletament sal-qalba jaqa' taħt id-definizzjoni ta' "preparat tal-laħam" peress li l-modifika tal-istruttura tal-fibra interna tal-muskoli ma tkunx kompluta u l-wiċċ maqtuġħ ikun għadu juri l-karatteristiċi tal-laħam frisk.
 - iii. Il-laħam frisk li jkun ġie ppreżervat bis-salmura kompletament sal-qalba jista' f'fażi inizjali jkun għadu preparat tal-laħam u jaqa' biss fid-definizzjoni ta' "prodotti tal-laħam" meta l-melħ miżjud ikun irriżulta f'effett ta' tnixxif li jirriżulta f'għajbien gradwali tal-karatteristiċi tal-laħam frisk qabel it-tqegħid fis-suq. Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-proċess tal-applikazzjoni tas-salmura jiggarantixxi diffużjoni omoġenja tas-salmura sal-qalba tal-laħam (eż. permezz ta' injezzjoni bl-użu ta' injettur tas-salmura b'ħafna rjus, permezz ta' trattament mekkaniku minn magna tat-tumbling tal-laħam, permezz ta' immersjoni fit-tul sabiex tiġi żgurata l-aktar distribuzzjoni uniformi tas-salmura).
 - iv. Il-laħam frisk li ma jkunx ġie ppreżervat kompletament sal-qalba jaqa' taħt id-definizzjoni ta' "preparat tal-laħam" peress li l-modifika tal-istruttura tal-fibra interna tal-muskoli qatt ma tkun kompluta u l-wiċċ maqtuġħ għadu juri l-karatteristiċi tal-laħam frisk.
- c) Il-laħam moqli b'mod ħafif (flash fried meat) li jibqa' nej fil-ġewwieni jaqa' taħt id-definizzjoni ta' "preparati tal-laħam", peress li l-proċess ma jkunx biżżejjed biex jibdel l-istruttura interna tal-fibra tal-muskoli tal-laħam u jelimina l-karatteristiċi ta' laħam frisk kompletament. Għalhekk, il-wiċċ maqtuġħ għadu juri l-karatteristiċi ta' laħam frisk.
- d) Il-laħam li nqela kompletament iżda li jeħtieġ li jissajjar aktar qabel il-konsum jaqa' taħt id-definizzjoni ta' "prodotti tal-laħam", peress li l-qali biddel l-istruttura interna tal-fibra tal-muskoli tal-laħam sal-punt li l-karatteristiċi ta' laħam frisk ġew eliminati u l-wiċċ maqtuġħ ma jibqax juri l-karatteristiċi ta' laħam frisk.

ĦALIB U PRODOTTI TAL-ĦALIB

5.11. Tagħmir awtomatiku għall-ħlib

L-Anness III, it-Taqsima IX, il-Kapitolu I, il-Parti II, is-Subparti B, il-punt 1(b) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 jistipula li l-ħalib minn kull animal irid “jiġi kkontrollat għal abnormalitajiet organolettiċi jew fiżikokimiċi minn dak li jaħleb jew b’metodu li jagħti riżultati simili”.

Normalment dak li jaħleb jiċċekkja l-ħalib ta’ kull animal billi jispezzjonah b’mod viżiv. Jistgħu jintużaw metodi oħra li jagħtu riżultati simili.

Ikun hemm bżonn ta’ metodi oħra jekk il-ħlib isir permezz ta’ tagħmir tal-ħlib kompletament awtomatiku. B’mod partikolari, tkun prassi tajba jekk it-tagħmir awtomatiku għall-ħlib ikun jista’ jagħraf awtomatikament ħalib mhux normali u teskludih mill-provvista tal-konsum għan-nies. Standard ISO magħruf internazzjonalment li jikkonċerna r-rekwiżiti għal tagħmir awtomatiku għall-ħlib ġie żviluppat u jinkludi metodi li jintużaw biex jiġu ċċekkjati l-abnormalitajiet organolettiċi jew fiżikokimiċi fil-ħalib (ISO 20966:2007).

5.12. Tikkettar

L-Anness III, it-Taqsima IX, Il-Kapitolu IV tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 jordna t-tikkettar ta’ ħalib mhux ipproċessat u prodotti magħmula bil-ħalib mhux ipproċessat maħsuba biex jiġu kkunsmati min-nies fil-kuntest tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 (Informazzjoni dwar l-Ikel lill-Konsumatur). Dan jirrikjedi li l-informazzjoni dwar it-tikkettar li tikkonċerna prodotti magħmula mill-ħalib mhux ipproċessat tapplika sakemm jinbiegħ.

Għandhom jingħataw lill-konsumatur biex jagħtuh ċans jagħżel. Jista’ jkollhom pakkett, dokument, avviż, tabella, ċirku jew kullar mal-prodotti kkonċernati jew li jirreferu għalih.

It-termini “trattament fiżiku jew kimiku” imsemmija fil-punt 1(b) tal-istess kapitolu għandhom jinftiehm bħala trattamenti applikati għall-prodotti tal-ħalib magħmula minn ħalib mhux ipproċessat biex jitnaqqsu l-perikli mikrobijoloġiċi possibbli marbuta mal-ħalib mhux ipproċessat (eż. mikrofiltrazzjoni). Ma hemm l-ebda regola tal-UE applikabbli għat-tikkettar speċifiku ta’ tali prodotti tal-ħalib fir-rigward tan-natura jew tad-denominazzjoni tat-trattament applikat.

5.13. Kriterji għall-ħalib tal-baqar

L-Anness III, it-Taqsima IX, il-Kapitolu II, il-Parti III (1) (b) jistabbilixxi li l-ħalib tal-baqar ipproċessat użat fil-ħolqien ta’ prodotti tal-ħalib, għandu għadd ta’ kolonji ta’ anqas minn 100 000 kull ml. Ir-raġunament wara dan ir-rekwiżit huwa li l-ħalib ipproċessat (eż. ħalib pasturizzat) li jintuża bħala materjal mhux ipproċessat irid jikkonforma ma’ dan il-limitu qabel ma jgħaddi għall-pass ta’ pproċessar ġdid. Dan ir-rekwiżit japplika għal sitwazzjonijiet li jinvolvu diskontinwità mhux intenzjonata fil-proċess. Għalhekk, ma hijiex l-intenzjoni li jintalab ħalib ipproċessat li diġà

jkun daħal f'pass ta' pproċessar ippjanat ġdid (eż. li miegħu tkun żdiedet flora addizzjonali minħabba raġunijiet ta' pproċessar - il-produzzjoni ta' jogurt jew ġobon) jew li jiġi sottomess għal proċess kontinwu (eż. ħalib mhux ipproċessat > ħalib pastorizzat > trab tal-ħalib) biex jikkonforma ma' dan il-kriterju.

5.14. Speċijiet ta' animali

L-Anness I, il-punt 4.1 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 jiddefinixxi "ħalib mhux ipproċessat" bħala "ħalib maħlub mill-glandoli mammarji ta' animali mrobbija (...)". Għaldaqstant din id-definizzjoni tkopri animali minbarra l-ispeċijiet komuni tal-ħalib (il-baqar, in-nagħaġ u l-mogħoż).

Fil-prattika, it-tqegħid fis-suq tal-ħalib mid-dwieb, mill-ħmir, mill-iġmla jew minn animali mrobbija oħra, li jinkludu animali tal-kaċċa mrobbija fl-irziezet (eż. renni), ikun possibbli dment li l-produzzjoni tagħhom u l-ipproċessar ikunu konformi mar-rekwiżiti rilevanti stabbiliti fir-Regolamenti (KE) Nru 852/2004 u (KE) 853/2004.

PRODOTTI TAS-SAJD

5.15. Parassiti ta' riskju għas-saħħa pubblika

L-Anness III, it-Taqsima VIII, il-Kapitolu III, il-punt D tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 fih dispożizzjonijiet li jiżguraw li l-qtil ta' parassiti fi stadji vitali ta' larva fil-prodotti tas-sajd li jistgħu jkunu ta' periklu għas-saħħa tal-konsumaturi. Il-mard parassitiku mrawwem fi prodott tas-sajd fil-bnedmin huwa kkawżat minn:

- Infezzjoni wara li jkunu iġestiti parassiti vitali ta' riskju għas-saħħa tal-bniedem. L-istadji ta' larva ta' tali parassiti li huma ta' periklu għal saħħet il-konsumatur huma (1) nematodi, prinċipalment il-larva tal-ispeċi *Anisakis* u *Pseudoterranova decipiens*, (2) larvi (pleroserkojidi) taċ-ċestodi tad-*Diphyllobothrium* (3) larvi (metaċerkarje) tat-trematodi, jew
- Reazzjoni allerġika marbuta mal-*Anisakidae*. Skont l-EFSA¹⁵, l-*Anisakis simplex* biss kienet implikata b'mod ċar ma' reazzjonijiet allerġiċi. L-EFSA tistabbilixxi li l-inizjatur primarju tal-allerġija għan-nematodi tal-*Anisakis* fil-bnedmin hija infezzjoni b'larvi ħajjin tal-*Anisakis simplex*.

5.16. Metodi biex jinqatlu l-istadji tal-larva tal-parassiti

L-operaturi ta' negozju tal-ikel iridu jiżguraw li l-prodotti tas-sajd isir ilhom eżami viżwali bl-iskop li jinstabu l-parassiti viżibbli qabel ma jitqiegħdu fis-suq. L-eżami viżwali, li jsir fuq prodotti tas-sajd imnaddfa u mhux imnaddfa skont ir-Regolament (KE) Nru 2074/2005, għandu l-għan li jevita li prodotti tas-sajd li jkunu kkontaminati b'mod ċar jitqiegħdu fis-suq għall-konsum mill-bniedem. Il-prodotti tas-sajd spiss jitqiegħdu fis-suq bħala prodotti tas-sajd friski li, qabel ma jittiekle, jiġu ttrattati bis-sħana jew iffriżati mill-konsumatur b'mod li jiżgura l-qtil ta' parassiti vijabbli. Il-prodotti tas-sajd iridu jiġu eżaminati viżwalment fl-istat li l-operatur tal-ikel jipproċessahom (sħaħ, imnaddfa, imqatta' fi flieli u f'biċċiet). Ir-Regolament (KE) Nru 2074/2005 fih definizzjonijiet relatati mal-eżami viżwali, kif ukoll regoli aktar dettaljati għall-eżami viżwali tal-ħut imnaddaf, imqatta' fi flieli u f'biċċiet.

It-test leġiżlattiv jispeċifika t-temperatura u l-ħin għat-trattament li għandu jiġi applikat mill-operaturi tan-negozju tal-ikel biex jinqatlu parassiti vijabbli. L-ilħuq ta' tali temperatura fil-qalba jiddependi mill-ħxuna u mill-kompożizzjoni tal-prodott. Pereżempju, ġie stmat li flett bi ħxuna ta' 3 cm għandu jissaħħan għal 10 minuti biex jiġi żgurat li tinqered il-larva ta' *Anisakis* spp. Madankollu, l-istadju tal-larva (metamerkarje) tat-trematodi (inklużi l-ispeċi ta' *Opisthorchis* u l-ispeċi ta' *Clonorchis*) li jseħħu fil-ħut tal-ilma ħelu f'ċerti żoni ġeografiċi huwa aktar reżistenti għat-temperaturi.

¹⁵ Opinion of the Scientific Panel on Biological hazards (BIOHAZ) on parasites in fishery products adottata fil-11 ta' Marzu 2010. <http://www.efsa.europa.eu/it/scdocs/doc/1543.pdf>

Għalhekk, l-operaturi tan-negozju tal-ikel li jqiegħdu ħut tal-ilma ħelu fis-suq iridu jqisu wkoll ir-riskju li prodotti bħal dawn jista' jkun fihom metamerkarje li jistgħu jirrappreżentaw periklu għas-saħħa jekk maħsuba biex jittieklu mingħajr trattament li joqtol tali parassiti. Diversi rapporti jindikaw parametri differenti għat-trattamenti ta' ffriżar li joqtol diversi metamerkarje tat-trematodi, li għal darb'oħra ġew riflessi f'dispożizzjonijiet leġiżlattivi differenti madwar id-dinja. Fl-opinjoni tagħha dwar il-parassiti fil-prodotti tas-sajd, l-EFSA tirreferi għad-dikjarazzjonijiet tad-WHO li l-metamerkarje ta' *Opisthorchis* spp. u *Clonorchis* spp. jinqatlu bl-iffriżar f'temperatura ta' -10 °C għal 5 ijiem.

Parametri oħra tal-ħin u tat-temperatura għal diversi metamerkarje jistgħu, fost l-oħrajn, jinstabu fid-Dokument Tekniku tas-Sajd 444 tal-FAO¹⁶. Din id-data tinkludi referenzi li għandhom jittieħdu bejn 3 u 4 ijiem biex tinqatel il-larva ta' *Clonorchis sinensis* jekk tiġi ffriżata f'temperatura ta' -20 °C u 32 siegħa biex tinqatel il-larva ta' *Opisthorchis felinus* f'temperatura ta' -28 °C.

Fir-rigward tat-trattament bis-sħana li se joqtol il-metamerkarje, l-EFSA tirreferi fl-opinjoni tagħha dwar il-parassiti fil-prodotti tas-sajd għal temperatura ta' 70 °C għal 30 minuta għall-qtil tal-metamerkarje *Clonorchis* u *Opisthorchis*.

F'każ li l-FBO iqiegħed fis-suq prodotti tas-sajd maħsuba għall-konsum, mhux ipproċessati jew immarinati, immellħa jew ittrattati bi trattament insuffiċjenti biex tinqatel il-parassita vijabbli, il-leġiżlazzjoni tispeċifika li l-operaturi tan-negozju tal-ikel ma għandhomx għalfejn iwettqu t-trattament ta' ffriżar għall-prodotti tas-sajd li ġew ippreżervati bħala prodotti tas-sajd iffriżati għal perjodu twil biżżejjed biex jinqatlu l-parassiti vijabbli. Skont il-leġiżlazzjoni, il-prodotti tas-sajd iffriżati jridu jinżammu f'temperatura ta' mhux aktar minn -18 °C fil-partijiet kollha tal-prodott. Għall-parassiti minbarra t-trematodi, it-trattament ta' ffriżar irid jikkonsisti f'temperatura li titbaxxa fil-partijiet kollha tal-prodott għal tal-anqas:

(a) – 20 °C għal mhux anqas minn 24 siegħa;

jew

(b) – 35 °C għal mhux anqas minn 15-il siegħa

Għalkemm il-larvi tat-trematodi huma pjuttost aktar reżistenti, jista' jiġi konkluż li ż-żmien li fih il-prodotti tas-sajd iffriżati normalment jinżammu f'temperatura ta' -18 °C matul il-ħżin fil-kesħa, it-trasport u l-katina tad-distribuzzjoni għandu joqtol il-parassiti kollha li jistgħu jirrappreżentaw periklu għas-saħħa tal-konsumatur. Jekk il-prodotti tas-sajd friski jiġu ffriżati għal perjodu qasir ta' żmien minħabba raġunijiet teknoloġiċi bħat-trattament ta' ffriżar biex jiġu eliminati l-parassiti vijabbli ta' tħassib għas-saħħa pubblika, xorta jistgħu jitqiesu bħala prodotti tas-sajd friski.

¹⁶ FAO Fisheries Technical Paper 444, Assessment and management of seafood safety and quality: Chapter 5.1.4 Parasites. <http://www.fao.org/docrep/006/y4743e/y4743e0c.htm>

Metodi minbarra l-iffriżar jew it-trattament bis-sħana, bħal pereżempju t-tmelliĥ fin-niexef għal ċertu perjodu, jistgħu wkoll joqtlu l-parassiti preżenti fil-prodotti tas-sajd. Jekk tali metodi oħrajn jintużaw mill-operaturi tan-negozju tal-ikel biex joqtlu l-parassiti li jistgħu jirrappreżentaw periklu għas-saħħa għall-konsumatur, it-trattament irid jitwettaq f'konformità ma' valutazzjoni tar-riskju li tiddokumenta l-effiċjenza tiegħu. Aktar *data* dwar il-metodi biex jinqatlu l-istadji tal-larva tal-parassiti ta' tħassib għas-saħħa pubblika tista' tinstab f'diversi dokumenti. Dawn jinkludu l-Opinjoni tal-EFSA dwar il-parassiti fil-prodotti tas-sajd, l-Opinjoni tal-EFSA dwar il-parassiti tal-ħut tal-Baħar Baltiku¹⁷, id-Dokument Tekniku tas-Sajd tal-FAO 444 u l-Opinjoni 2007-SA-0379¹⁸ mill-korp Franċiż għall-valutazzjoni tar-riskju, AFSSA.

5.17. Qabdiet selvaġġi ta' prodotti tas-sajd

L-Anness III, it-Taqsima VIII, il-Kapitolu III, il-punt D.3(c) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 jipprevedi li l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tawtorizza li t-trattament ta' ffrizjar ma għandux għalfejn jitwettaq meta jkun hemm disponibbli *data* epidemjoloġika li tindika li ż-żoni tas-sajd tal-oriġini ma jippreżentawx periklu għas-saħħa fir-rigward tal-preżenza ta' parassiti.

L-EFSA kkonkludiet li l-ħut tal-ilma baħar u tal-ilma ħelu selvaġġ maqbud irid jitqies f'riskju li jkun fih parassiti vijabbli ta' periklu għas-saħħa tal-bniedem jekk dawn il-prodotti għandhom jittieklu bħala mhux ipproċessati jew kważi mhux ipproċessati. Konsegwentement, evalwazzjoni ta' dokumentazzjoni ġdida li l-ħut selvaġġ maqbud, kemm jekk mill-ilma baħar kif ukoll jekk mill-ilma ħelu, huwa ħieles mill-parassiti għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni xierqa tar-riskju. Valutazzjoni ta' jekk prodotti tas-sajd minn żona tas-sajd humiex probabbli li jippreżentaw periklu għas-saħħa għandha tqis il-prevalenza, l-abbundanza, kif ukoll l-ispeċijiet u d-distribuzzjonijiet ġeografiċi tal-parassiti u l-ospitanti tagħhom flimkien mar-riżultati mis-sistemi ta' monitoraġġ u x-xejriet fil-preżenza u fl-abbundanza tal-parassiti. Għandu jiġi nnotat ukoll li Stat Membru jrid jirrispetta l-obbligu tiegħu li jinnotifika kwalunkwe miżura nazzjonali bħal din f'konformità mad-Direttiva (UE) 2015/1535¹⁹.

¹⁷ Opinion of the Scientific Panel on Biological hazards (BIOHAZ) on assessment of epidemiological data in relation to the health risks resulting from the presence of parasites in wild caught fish from fishing grounds in the Baltic Sea, adottata fis-7 ta' Lulju 2011. <http://www.efsa.europa.eu/en/efsajournal/pub/2320.htm>

¹⁸ Opinion of the French Food Safety Agency (Afssa) on a risk assessment request concerning the presence of anisakidae in fishery products and the extension of the exemption from the freezing sanitary obligation of fishery products whose feeding is under control and for certain species of wild fish. (Afssa – Talba Nru 2007-SA-0379). <http://www.anses.fr/Documents/MIC2007sa0379EN.pdf>

¹⁹ Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (kodifikazzjoni) ĠU L 241, 17.9.2015, p. 1–15

5.18. Prodotti tas-sajd imrobbija

L-Anness III, il-Kapitolu III, il-punt D.3(d) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 jiddikjara li ċerti prodotti tas-sajd imrobbija jistgħu jiġu eżentati mir-rekwiżit tal-iffriżar anke jekk ikunu maħsuba biex jiġu kkunsmati mhux ipproċessati jew immarinati, immellħa jew ittrattati bi trattament li ma jkunx biżżejjed biex jinqatlu l-parassiti vijabbli. Il-proċeduri u l-miżuri biex jiġi żgurat li ma jkunx hemm parassiti għandhom jitfasslu skont ir-riskju ta' infezzjoni. Il-gwidi għal prattiki tajbin jistgħu jkunu għodod xierqa biex jgħinu lill-operaturi tan-negozju tal-ikel jiddefinixxu l-mezzi biex jiżguraw li l-prodotti tas-sajd ma jkunux infettati b'parassiti li jistgħu jirrapreżentaw periklu għas-saħħa.

5.18.1. *Sistemi tat-trobbija li min-natura tagħhom jeskludu kwalunkwe possibbiltà ta' infezzjoni*

Dawn huma sistemi fejn id-disinn tal-faċilitajiet u s-sistema tat-trobbija min-natura tagħhom jiproteġu kontra l-aċċess ta' kwalunkwe sors ta' infezzjoni. Sistemi bħal dawn jinkludu sistemi ta' tankijiet fuq l-art forniti b' ilma li jista' jintwera li huma ħielsa mill-parassiti. Sistemi miftuħa bħala gaġeġ galleġġanti, eċċ. ma jagħmlux parti minn din il-kategorija. Meta t-trobbija ssir fl-ilma ħelu, l-ilma għandu jkollu jiċċirkola l-ħin kollu u ma għandux joriġina minn lagi jew minn ġibjuni. Meta dawn ir-rekwiżiti ma jiġux issodisfati, jew meta l-ħut jitrabba fl-ilma baħar, l-ilma għandu jiġi ffiltrat b' mod li jipprevjeni l-aċċess ta' kwalunkwe sors ta' infezzjoni. Għas-sistemi tat-trobbija li min-natura tagħhom jeskludu kwalunkwe possibbiltà ta' infezzjoni tal-prodott tas-sajd, huwa biżżejjed li tiġi ddokumentata l-konformità ma' prattiki tajbin għal tali sistemi tat-trobbija li jiżguraw in-nuqqas ta' parassiti li jirrapreżentaw periklu għas-saħħa.

5.18.2. *Trobbija tal-ħut b'riskju negliġibbli ta' infezzjoni*

Dawn is-sistemi ta' produzzjoni jridu jissodisfaw ukoll il-kriterji bażiċi li l-ħut jitrabba mill-embrijuni u jiġi mitmugħ ħajtu kollha b'dieta li ma jstax ikun fiha parassiti vijabbli. Madankollu, is-sistemi ma humiex kompletament iżolati mill-ambjent tagħhom fir-rigward tal-preżenza possibbli ta' parassiti. Pereżempju, il-ħut jista' jgħix tal-anqas parti minn ħajtu f'ambjent fejn il-preżenza ta' parassiti ma tistax tiġi eskluża. Skont l-opinjoni xjentifika tal-EFSA, is-salamun tal-Atlantiku mrobbi b' mod speċifiku jirrapreżenta riskju negliġibbli fir-rigward tal-parassiti ta' importanza għas-saħħa pubblika. L-esperjenza prattika bi speċijiet oħra għajr is-salamun tal-Atlantiku mrobbi wriet ukoll li prodotti oħra tas-sajd imrobbija b' ċerti modi u/jew f'żoni speċifikati, kemm fl-ilma ħelu kif ukoll fl-ilma baħar, jistgħu jkunu ħielsa minn parassiti li jirrapreżentaw riskju għall-konsumaturi. Qabel ma l-operaturi tan-negozju tal-ikel japplikaw id-deroga mit-trattament ta' iffriżar għal tali produzzjoni, irid ikun intwera li l-proċeduri applikati jiżguraw li l-produzzjoni ma tirrapreżentax periklu għas-saħħa fir-rigward tal-preżenza ta' parassiti ħajjin. L-awtorità kompetenti trid tapprova dawk il-proċeduri. F'xi każijiet huwa biżżejjed li ssir referenza għall-valutazzjoni tar-riskju tal-EFSA għal dak it-tip ta' produzzjoni, għall-proċeduri applikati u li jkun hemm programm ta' monitoraġġ ġeneriku fil-

livell nazzjonali biex jiġi żgurat li l-informazzjoni li fuqha kienet ibbażata l-valutazzjoni tar-riskju favorevoli ma tinbidilx.

Jekk it-tip ta' produzzjoni ma jkunx jista' jeskludi r-riskju għall-parassiti bħala regola ġenerali, jista' jitqies meħtieġ monitoraġġ aktar intensiv tal-prodotti tas-sajd, fil-livell tal-azjenda agrikola jew saħansitra fil-livell tal-lott. Il-metodi applikati għall-verifika tan-nuqqas ta' parassiti għandhom jiġu aġġustati għat-tip ta' parassiti, għat-tip ta' speċijiet ta' ħut, eċċ., li jvarjaw minn spezzjoni viżwali sempliċi, permezz ta' eżami kontra d-dawl (spezzjoni viżwali fuq mejda ħafifa) għal diġestjoni artifiċjali fil-Pepsin/HCl. Jekk kwalunkwe parassita li tista' tirrappreżenta periklu għas-saħħa tiġi żvelata permezz ta' programmi ta' monitoraġġ, jew bi kwalunkwe mod ieħor, dawn il-prodotti għandhom jiġu esklużi mill-eċċezzjoni tal-iffriżar sakemm is-sistema tal-produzzjoni tkun għet ikkontrollata u l-azjenda agrikola tkun irritornat għas-sitwazzjoni oriġinali li ppermettiet lill-operatur tan-negozju tal-ikel jagħmel użu mill-eċċezzjoni.

5.19. Dokumenti li jakkumpanjaw il-prodotti tas-sajd li ma jkunux sarulhom trattamenti ta' ffriżar.

Kull lott ta' prodotti tas-sajd soġġetti għad-deroga msemmija fl-Anness III, it-Taqsima VIII, il-Kapitolu III, il-Punt D3 (c) u (d) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 (ma hemmx bżonn li jiġi ffriżat) għandu jkun akkumpanjat minn dokumentazzjoni li turi li l-awtoritajiet kompetenti jkunu awtorizzaw il-proċeduri applikati biex jiġi żgurat li l-produzzjoni ma tirrappreżentax periklu għas-saħħa fir-rigward tal-preżenza ta' parassiti. Dan jista' jinkludi sentenza fid-dokument kummerċjali li tagħti l-approvazzjoni tal-proċeduri mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż fejn joriġinaw il-prodotti tas-sajd, jew kopji tal-approvazzjoni tal-proċeduri pprovduti mill-awtoritajiet kompetenti jew kwalunkwe dokument ieħor li jagħti prova tal-awtorizzazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti biex jiġi evitat it-trattament preskritt ta' ffriżar.

5.20. It-terminu "ovvjament kontaminati"

L-Anness III, it-Taqsima VIII, il-Kapitolu V, il-punt D "PARISSITI" tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 jinkludi dispożizzjoni ġenerali għall-operaturi tan-negozju tal-ikel dwar eżami viżwali għall-parassiti viżibbli u r-regoli għat-tqegħid fis-suq ta' tali prodotti tas-sajd:

"L-operaturi fin-negozju tal-ikel għandhom jiżguraw illi l-prodotti tas-sajd isir ilhom eżami viżwali bl-iskop li jinstabu l-parassiti viżibbli qabel ma jitqegħdu fis-suq. Ma għandhomx iqiegħdu fis-suq għall-konsum tal-bniedem prodotti tas-sajd li jkun jidher ċar li fihom il-parassiti."

It-Taqsima I tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 2074/2005 tistabbilixxi, fil-Kapitolu II, aktar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-ispezzjoni viżwali tal-ħut imnaddaf u ta' qatgħat u fetti tal-ħut għal stabbilimenti fuq l-art u abbord bastimenti fabrika. Fil-Kapitolu I, din tiddefinixxi wkoll it-termini "parassita viżibbli", "eżami viżwali" u "dawl tax-xemgħa".

Metodi distruttivi, bħall-metodu tad-diġestjoni, ma jistgħux jintużaw f'eżami viżwali biex jiġi ddeterminat jekk il-prodotti tas-sajd humiex "ovvjament kontaminati" b'parassiti. Eżami tal-kavità addominali wara l-inċiżjoni għall-eżami viżwali tal-vixxri u tal-peritoneu ma jitqiesx bħala metodu distruttiv. L-eżami viżwali jrid jitwettaq mill-operatur tal-ikel fuq il-prodott tas-sajd fl-istat li fih l-operatur jipproċessa l-prodott (sħiħ, imnaddaf, imqatta' f'fetti, imqatta' f'biċċiet). Jekk operatur tal-ikel jipproċessa biss ħut mhux imnaddaf, l-eżami viżwali jinkludi l-wiċċ tal-ħut, eż. il-ġilda, l-ġhajnejn, il-ħalq u l-garġi. Jekk l-operatur tal-ikel inaddaf il-prodott tas-sajd, l-eżami jinkludi wkoll il-kavità addominali, il-vixxri u l-peritoneu. Jekk il-prodott tas-sajd jitqatta' f'fetti jew f'biċċiet, il-fetti u l-biċċiet għandhom jiġu eżaminati.

Meta jitqies jekk prodott tas-sajd huwiex "ovvjament ikkontaminat" b'parassiti, sabiex jiġi vvalutat jekk dan jistax jitqiegħed fis-suq jew le, trid issir distinzjoni bejn partijiet li jittiekl u partijiet li ma jittiklux tal-prodott tas-sajd:

- Meta parassiti viżibbli jinstabu biss f'partijiet tal-prodott tas-sajd li mhux se jiġu kkunsmati (**partijiet li ma jittieklux tal-materja prima**) il-proċeduri normali (inkluż it-tneħħija tal-ġewwieni, eċċ.) jiżguraw li l-materja prima effettivament użata għal prodotti maħsuba għall-konsum mill-bniedem ma jkunux ovvjament ikkontaminati b'parassiti viżibbli. Meta partijiet mhux tajbin għall-ikel jitneħħew, il-materja prima ma titqiesx bħala "ovvjament ikkontaminata".
- Meta **l-partijiet li jittiekl (il-materja prima jew il-prodotti li jkunu ppreżentati lill-konsumatur)** huma ovvjament ikkontaminati b'parassiti viżibbli, l-operatur tan-negozju tal-ikel għandu żewġ possibbiltajiet:
 - (i) jew li ma jqiegħedx il-prodott tas-sajd fis-suq, jew
 - (ii) b'mod iġeniku, japplika s-selezzjoni normali u/jew il-proċeduri preparatorji jew tal-ipproċessar f'konformità mal-Anness II, il-Kapitolu IX, il-punt 1 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 biex jiżgura li l-prodott li jrid jiġi ppreżentat lill-konsumatur ma għadux aktar "ovvjament kontaminat" b'parassiti bi spezzjoni viżibbli u għalhekk huwa tajjeb għall-konsum mill-bniedem. Il-proċeduri jistgħu jinkludu tirqim tal-materja prima li hija partikolarment suxxettibbli għall-parassiti.

Il-Kummissjoni Codex Alimentarius iprovdiet standards rikonoxxuti internazzjonalment li jipprovdu aktar dettalji għal ċerti prodotti speċifiċi tas-sajd ikkontaminati bil-parassiti. Għalkemm dawn it-testi għall-prodotti speċifiċi ma jistgħux jiġu applikati għall-prodotti tas-sajd b'mod ġenerali, dawn huma punti ta' referenza rilevanti għall-prodotti speċifiċi kkonċernati.

It-testi tal-Codex Alimentarius jindikaw limiti għall-parassiti viżibbli mhux vijabbli u livelli ta' difett għal bidliet fil-konsistenza minħabba l-parassiti għal ċerti prodotti speċifiċi tas-sajd lesti biex jiġu ppreżentati lill-konsumaturi. Il-Codex jiddeskrivi wkoll l-eżami kontra d-dawl b'mod aktar dettaljat mil-leġiżlazzjoni tal-UE.

Xi parassiti fil-prodotti tas-sajd jistgħu ma jkunux viżibbli, iżda jiddekomponu l-laħam tal-ħut u jistgħu jagħmluh mhux tajjeb għall-konsum mill-bniedem. F'każijiet bħal dawn id-dispożizzjoni applikabbli hija l-Punt 1 tal-Kapitolu IX tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 u mhux id-dispożizzjonijiet dwar il-parassiti viżibbli fi prodotti tas-sajd imsemmija fl-Anness III, it-Taqsima VIII, il-Kapitolu V, il-Punt D tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

Il-gwidi ta' Prattika tajba jistgħu jkunu għodod xierqa li jassistu lill-operaturi tan-negozju tal-ikel b'rabta mal-kwistjoni dwar il-prodotti tas-sajd "ovvjament kontaminati" mill-parassiti.

5.21. Prodotti tas-sajd ipproċessati/mhux ipproċessati

L-ipproċessar u l-prodotti pproċessati huma ddefiniti fl-Artikolu 2(m) u (o) tar-Regolament (KE) Nru 852/2004. L-Artikolu 2(m) ta' dan ir-Regolament jiddikjara li "“ipproċessar” tfisser kwalunkwe azzjoni li sostanzjalment tibdel il-prodott inizjali, inkluża s-sħana, l-iffumigar, il-preżervazzjoni, it-tisjir naturali, it-tnixxif (tqaddid), l-immarinar, l-estrazzjoni, l-estrużjoni jew ġemgħa ta' dawk il-proċessi.”

Ċerti operaturi jinnettaw soluzzjoni ta' ilma u addittivi għal prodotti tas-sajd friski jew imnaddfa mill-ġelu, u jasserixxu li dan huwa "immarinar". L-għan tagħhom huwa li jużaw addittivi mhux awtorizzati jew ingredjenti oħra, ipprojbiti fi prodotti nejjin friski jew mhux ipproċessati bl-għan aħħari li jibdlu l-kulur jew l-istruttura tal-ħut, filwaqt li jsostnu li din l-attività hija pproċessar. Il-prodotti tas-sajd wara dawn it-trattamenti jidhru bħala friski/mhux ipproċessati, u dan iqarraq lill-konsumaturi minħabba li ma jipprevedux li d-dehra friska tista' tkun minħabba ż-żieda ta' addittivi mhux awtorizzati fi prodott frisk. L-użu ta' addittivi mhux awtorizzati jew ta' ingredjenti oħra fi prodotti tas-sajd mhux ipproċessati, li ma jbiddux sostanzjalment in-natura tagħhom, ma jistax jingħad li jirriżulta fi "prodotti tas-sajd ipproċessati" u t-tqegħid ta' dawk il-prodotti fis-suq bħala "prodotti tas-sajd ipproċessati" biex jiġi ġġustifikat l-użu ta' addittivi bħal dawn jikser il-legalizzazzjoni tal-UE. Għalhekk, dawk il-prodotti ma jistgħux jitqiesu bħala pproċessati, filwaqt li jitqies li l-injezzjoni tal-ilma bl-addittivi hija azzjoni li ma tiddilx sostanzjalment il-prodott inizjali, u ma tistax tiġi kklassifikata bħala tali.

MARKI TA' IDENTIFIKAZZJONI

5.22. Min irid japplika l-marka ta' identifikazzjoni tiegħu?

L-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 jistabbilixxi:

“L-operaturi fin-negozju tal-ikel ma għandhomx iqiegħdu fis-suq prodott ta' oriġini mill-animali li jkun ġie trattat fi stabbiliment li jeħtieġ l-approvazzjoni skont l-Artikolu 4(2) jekk ma jkunx fih:

(a) timbru sanitarju fuqu skont ir-Regolament (KE) Nru 854/2004; jew

(b) meta dak ir-Regolament ma jkunx jeħtieġ li jkun hemm timbru sanitarju, it-timbru ta' identifikazzjoni fuq skont l-Anness II, Taqsima I, ta' dan ir-Regolament”

L-Anness II, it-Taqsima I, il-Punt A.2 tar-Regolament jistabbilixxi wkoll li:

“Madankollu, meta l-imballaġġ u/jew il-kisi tal-prodotti jitneħħa jew jiġi pproċessat iżjed fi stabbiliment ieħor, għandha tiġi applikata marka ġdida lill-prodott. F’tali każijiet, il-marka l-ġdida għandha tindika n-numru ta’ approvazzjoni tal-istabbiliment fejn saru dawn l-operazzjonijiet.”

Il-kwistjoni ewlenija hija “soġġetta għall-approvazzjoni” skont ir-Regolament (KE) Nru 853/2004. Din teskludi stabbilimenti li jwettqu biss produzzjoni primarja, operazzjonijiet ta’ trasport, ħżin ta’ prodotti li ma jirrikjedux kundizzjonijiet ta’ ħżin ikkontrollati bit-temperatura u operazzjonijiet ta’ bejgħ bl-imnut meta jkun esklużi mir-Regolament (KE) Nru 853/2004 u stabbilimenti li jipproċessaw oġġetti tal-ikel li għalihom ma hemmx rekwiżiti speċifiċi fl-Anness III tar-Regolament (KE) 853/2004. L-Anness II, it-Taqsima I, il-Punt A.2 jagħmilha ċara li “ttrattat” fl-Artikolu 5(1) trid tinftiehem b’mod wiesa’ inkluż it-tneħħija ta’ tgeżwir jew imballaġġ.

Għalhekk, il-marka ta’ identifikazzjoni hija assoċjata mal-approvazzjoni ta’ stabbiliment. Għandu jiġi nnotat li l-applikazzjoni fuq marka ta’ identifikazzjoni fuq prodott mhux neċessarjament timplika li hija lesta għall-bejgħ lill-konsumatur finali meta tħalli l-istabbiliment.

Min-naħa l-oħra, jekk ma jkun hemm l-ebda tneħħija tal-imballaġġ jew tat-tgeżwir, u ma jkun hemm l-ebda pproċessar fi stabbiliment, il-marka ta’ identifikazzjoni tal-aħħar stabbiliment fil-passi preċedenti tal-katina tal-produzzjoni li hija soġġetta għall-immarkar tal-identifikazzjoni, trid tinżamm u l-ebda marka ta’ identifikazzjoni (addizzjonali) ma għandha tiġi applikata.

Eżempji

- A jwassal oġġetti tal-ikel ipproċessati mgeżwra f’temperatura stabbli li għalihom hemm rekwiżiti speċifiċi fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 lil B (mhux bejjiegħ bl-imnut) mingħajr tikkettar u mingħajr marka ta’ identifikazzjoni fuq barra tal-prodotti mgeżwra iżda bil-marka ta’ identifikazzjoni tiegħu fuq l-imballaġġ. B joħroġ il-prodotti mgeżwra mill-imballaġġ u għalhekk irid japplika l-marka ta’ identifikazzjoni tiegħu stess, fuq it-tgeżwir jew fuq l-imballaġġ il-ġdid. B irid jiġi approvat minħabba li l-attivitajiet tiegħu ma humiex limitati għall-ħżin.
- Pakkett kbir mingħand A bil-marka ta’ identifikazzjoni applikata fuq il-wiċċ estern tal-imballaġġ tiegħu u fuq il-prodotti mgeżwra fil-pakkett, jasal għand B (mhux bejjiegħ bl-imnut). L-imballaġġ jitneħħa. Il-prodotti mgeżwra jiġu imballati mill-ġdid. L-imballaġġ (jew it-tgeżwir) irid juri l-marka ta’ identifikazzjoni ta’ B minħabba li tneħħa l-imballaġġ. Il-marka ta’ identifikazzjoni fuq it-tgeżwir u l-imballaġġ se tkun differenti jew jista’ jkun hemm żewġ marki ta’ identifikazzjoni fuq it-tgeżwir.

- B jirċievi laħam jew ħut imkessaħ li għalih hemm rekwiżiti speċifiċi fl-Anness III tar-Regolament (KE) 853/2004 bil-marka ta' identifikazzjoni ta' A, li pereżempju jwettaq il-qtuġħ u t-tgeżwir. Għand B, il-prodott biss jgħaddi minn trattament ta' ffriżar (ma hemm l-ebda tgeżwir mill-ġdid jew imballaġġ mill-ġdid). B ma jistax japplika l-marka ta' identifikazzjoni tiegħu peress li ma hemm l-ebda tgeżwir mill-ġdid/ippakkjar mill-ġdid u l-iffriżar ma huwiex ipproċessar.
- B jirċievi prodotti tal-laħam imqatta' f'biċċiet imgeżwra (ippakkjat bil-lest) bil-marka ta' identifikazzjoni ta' A fuq it-tgeżwir. B huwa impjant indipendenti li jwettaq biss ipproċessar taħt pressjoni għolja fuq il-prodott, biżżejjed biex jitnaqqas l-ammont ta' batterji. B irid japplika marka ta' identifikazzjoni tiegħu fuq l-ippakkjar (mill-ġdid) jew fuq il-prodott imgeżwer peress li l-HPP huwa pproċessar. Għalhekk jista' jkun hemm żewġ marki ta' identifikazzjoni fuq it-tgeżwir. Għandu jkun ċar liema attività twettqet minn A u minn B.

5.23. Immarkar multiplu tal-identifikazzjoni

F'għadd ta' każijiet, tgeżwir jista' jkollu aktar minn marka ta' identifikazzjoni waħda (ara l-eżempju ta' hawn fuq dwar il-prodotti tal-laħam imqatta' f'biċċiet imgeżwra li huma pproċessati bl-HPP).

Jistgħu jiġu applikati b'mod eċċezzjonali diversi marki ta' identifikazzjoni fuq pakkett wieħed jekk ikun hemm indikazzjoni ċara dwar liema marka hija dik valida. Dan huwa l-każ meta l-istess prodott jista' jiġi prodott fi stabbilimenti differenti.

Il-kliem tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 ma jipprekludix tali prattika sakemm ikun ċar liema stabbiliment ipproduċa jew ipproċessa l-prodott. Barra minn hekk, marka multipla ta' identifikazzjoni għandha tibqa' eċċezzjonali u għandha tiġi evitata kemm jista' jkun biex tiġi eskluża l-konfużjoni dwar l-istabbiliment li pproduċa l-prodott.

ANNEX I

Lista mhux dettaljata ta' prodotti mhux ipproċessati ta' oriġini mill-annimali

- Laħam frisk/laħam ikkapuljat/Laħam Separat Mekkanikament
- Imsaren, stonkijiet u bżieċaq tal-awrina mhux imnaddfa
- Preparazzjonijiet tal-laħam
- Demm frisk
- Prodotti tas-sajd friski jew prodotti tas-sajd iffriżati magħmula minn prodotti tas-sajd friski
- Molluski bivalvi ħajjin, ekinodermi ħajjin, tunikati ħajjin u gasteropodi tal-baħar ħajjin
- Ħalib mhux ipproċessat
- Bajd sħiħ u bajd likwidu mhux ittrattat bis-sħana
- Saqajn taż-żrinġijiet
- Bebbux ħaj
- Għasel, żaftur, trab tad-dakra u ħalib tan-naħal (jekk mhux ipproċessat).

Prodott mhux ipproċessat bi prodott ta' oriġini mill-pjanti jibqa' prodott mhux ipproċessat (jekk iż-żieda ta' prodott li joriġina mill-pjanti ma tbiddilx sostanzjalment il-prodott inizzjali) eż.

- Skewer b'laħam u ħaxix friski
- Prodotti tas-sajd friski jew prodotti tas-sajd iffriżati magħmula minn prodotti tas-sajd friski sħaħ jew ippreparati (eż. fletti tal-ħut) biż-żieda ta' addittivi awtorizzati għal prodotti tas-sajd mhux ipproċessati

Kummenti:

- Il-prodotti mhux ipproċessati jistgħu jiġu kklassifikati bħala “prodotti mhux maħduma”, jiġifieri ma sarilhomx ipproċessar (jiġifieri kull azzjoni li tibdel b'mod sostanzjali l-prodott inizzjali, inkluż it-tiħin, l-affumikazzjoni l-preżervazzjoni, il-maturazzjoni, it-tnixxif, l-immarinar, l-estrazzjoni, l-estrużjoni, jew kombinazzjoni ta' dawk il-proċessi). Il-prodotti ffriżati magħmula minn materja prima mhux ipproċessata ta' oriġini mill-annimali jibqgħu prodotti mhux ipproċessati.
- “Frisk” (fir-rigward tal-laħam) tfisser laħam li ma sarlu l-ebda proċess ta' preżervazzjoni minbarra t-tkessiħ, l-iffriżar jew l-iffriżar malajr, inkluż laħam li huwa mgeżwer bil-vakwu f'atmosfera kkontrollata.
- “Frisk” (fir-rigward tal-prodotti tas-sajd) tfisser prodotti tas-sajd mhux ipproċessati, sew jekk sħaħ jew ippreparati, inkluż prodotti ppakkjati bil-vakwu jew f'atmosfera modifikata, li ma sarilhom l-ebda trattament biex tiġi żgurata l-preżervazzjoni, minbarra t-tkessiħ.
- Il-prodotti tas-sajd iffriżati magħmula minn prodotti tas-sajd friski huma prodotti mhux ipproċessati li jistgħu jkunu sħaħ jew ippreparati. Ġeneralment, dawn

għandhom jiġu kklassifikati bħala prodotti mhux ipproċessati kif stabbilit fl-ewwel punt.

ANNEX II

Lista mhux dettaljata ta' prodotti mhux ipproċessati ta' oriġini mill-annimali

Il-prodotti pproċessati jinkisbu billi l-prodotti mhux ipproċessati jiġu sottomessi għal proċess bħat-tisħin, l-affumikazzjoni, il-preżervazzjoni, il-maturazzjoni, it-tnixxif, l-immarinar, eċċ. Il-proċess irid iwassal għal tibdil sostanzjali tal-prodott inizjali.


- Il-prodotti tal-laħam (perżut, salami, eċċ.)
- Prodotti tas-sajd ipproċessati (ħut affumikat, ħut li jkun ġie mmarinat sakemm l-azzjoni tbiddel sostanzjalment il-prodott inizjali mhux ipproċessat inkluża d-dehra tiegħu eċċ.)
- Prodotti tal-ħalib (ħalib pasturizzat u ħalib ittrattat bis-sħana ieħor, ġobon, jogurt, eċċ.)
- Prodotti tal-bajd (trab tal-bajd eċċ)
- Grass tal-annimali mmaċinat
- Qrieqeċ
- Ġelatina
- Kollaġen
- Imsaren, stonkijiet u boroż tal-awrina, eċċ ittrattati.
- Il-vitamina D3 u l-prekursuri tagħha dderivati mil-lanolina

Il-prodotti pproċessati jinkludu wkoll:

- **Kombinazzjoni ta' prodotti pproċessati ta' oriġini mill-annimali eż. ġobon bil-perżut, żejt tal-ħut f'kapsuli tal-ġelatina bovina, froġa bil-perżut magħmula minn prodotti tal-bajd.**
- **Prodotti li għaddew minn diversi operazzjonijiet tal-ipproċessar eż. ġobon mill-ħalib pasturizzat.**

ANNEX III


L-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 għall-operazzjonijiet ta' bejgħ bl-imnut²⁰, inkluża l-approvazzjoni tal-istabbiliment



²⁰ Kif definit fl-Artikolu 3.7 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002: “bejgħ bl-imnut” tfisser it-ttrattament u/jew l-ipproċessar tal-ikel u l-ħżin tiegħu meta jinbiegħ jew meta jasal għand il-konsumatur finali, u jinkludi l-postijiet tad-distribuzzjoni, l-operazzjonijiet tal-catering, il-canteens tal-fabbriki, il-catering istituzzjonali, ir-ristoranti u postijiet oħra simili li joffru servizz tal-ikel, ħwienet, ċentri tad-distribuzzjoni tas-supermarkets u ħwienet li jbigħu bl-ingrossa

ANNEX IV

L-approvazzjoni ta' mħażen tal-friża li jaħżnu l-ikel ta' oriġini mill-animali



²¹ Kif definit fl-Artikolu 3.7 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002: “bejgħ bl-imnut” tfisser it-trattament u/jew l-ipproċessar tal-ikel u l-ħżin tiegħu meta jinbiegħ jew meta jasal għand il-konsumatur finali, u jinkludi l-postijiet tad-distribuzzjoni, l-operazzjonijiet tal-catering, il-canteens tal-fabbriki, il-catering istituzzjonali, ir-ristoranti u postijiet oħra simili li joffru servizz tal-ikel, ħwienet, ċentri tad-distribuzzjoni tas-supermarkets u ħwienet li jbigħu bl-ingrossa

ANNEX V


Lista mhux dettaljata ta' stabbiliment soġġetti għal approvazzjoni

- Ġenerali
 - L-istabbilimenti li jkunu se jgeżwru/jippakkjaw mill-ġdid il-prodotti ta' oriġini mill-animali li għalihom l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 jistabbilixxi r-rekwiżiti, anke jekk ma jkunux assoċjati ma' operazzjonijiet oħra bħat-tqattigħ f'biċċiet jew il-qtugħ.
 - L-istabbilimenti li jimmanifatturaw supplimenti tal-ikel li jitqiesu bħala prodotti ta' oriġini mill-animali jekk ir-rekwiżiti huma stabbiliti fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 eż. il-mili ta' kapsuli biż-żejt tal-ħut
 - Imħażen tal-friża jekk meħtieġ abbażi tal-Anness IV
- Laħam
 - Biċċeriji
 - Impjanti tat-tqattigħ
 - Qtil fl-azjenda ta' provenjenza (ħlief fil-każ tal-provvista diretta mill-produttur ta' kwantitajiet żgħar ta' laħam mill-pollam, mil-lagomorfi u mir-renni (*Rangifer tarandus tarandus*, f'ċerti żoni biss tal-Finlandja u tal-Iżvezja) maqtula fir-razzett lill-konsumatur finali u lill-istabbilimenti lokali tal-bejgħ bl-imnut li jfornu direttament lill-konsumatur finali)
 - Stabbiliment li jipproċessa l-kaċċa
 - Stabbilimenti li jipproduċu laħam ikkapuljat, preparati tal-laħam u MSM
 - Stabbilimenti li jiffabrikaw prodotti tal-laħam
 - Ċentri ta' ġbir tal-kaċċa selvaġġa (żgħar u kbar), meta jirċievu iġsma minn ċentri oħra ta' ġbir
- Molluski bivalvi ħajjin
 - L-operaturi intermedjarji meta jkollhom maħżen tal-friża jew ikunu jiġbru jew jaqsmu lottijiet ta' molluski bivalvi ħajjin jew iwettqu kundizzjonament jew immersjoni mill-ġdid
 - Ċentri tad-dispaċċ
 - Ċentri ta' purifikazzjoni
- Prodotti tas-sajd
 - Bastimenti friża, reefer u fabbrika
 - Stabbilimenti fuq l-art
- Ħalib u prodotti tal-ħalib
 - Stabbilimenti li jipproċessaw il-ħalib mhux ipproċessat f'ħalib ittrattat bis-sħana u fi prodotti tal-ħalib magħmula mill-ħalib mhux ipproċessat

- Stabbilimenti li jagħmlu prodotti tal-ħalib minn prodotti tal-ħalib ipproċessati diġà (eż. butir minn krema pasturizzata, ġobon minn ħalib pasturizzat jew trab tal-ħalib)
- Ċentri ta' ġbir tal-ħalib
- Bajd u prodotti tal-bajd
 - Ċentri għall-imbagg tal-bajd
 - Stabbilimenti li jipproċessaw il-bajd jew il-prodotti tal-bajd


- Saqajn taż-żrinġijiet u bebbux
 - Stabbilimenti li jippreparaw u/jew jipproċessaw is-saqajn taż-żrinġijiet u l-bebbux
- Xaħam tal-animali mdewweb u qrieqeċ
 - Stabbilimenti li jiġbru, jaħżnu jew jipproċessaw materja prima
- Stonkijiet u bżieqaq tal-awrina
 - Stabbilimenti li jittrattaw il-bżieqaq tal-awrina, l-istonkijiet u l-imsaren
- Ġelatina
 - Stabbilimenti li jipproċessaw materja prima
 - Stabbilimenti li jimmanifatturaw kapsuli tal-ġelatina billi jimlewhom jew le
- Kollaġen
 - Stabbilimenti li jipproċessaw materja prima

Anness III: L-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 għall-operazzjonijiet ta' bejgħ bl-imnut¹, inkluża l-approvazzjoni tal-istabbiliment



¹ Kif definit fl-Artikolu 3.7 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002: “bejgħ bl-imnut” tfisser it-trattament u/jew l-ipproċessar tal-ikel u l-ħżin tiegħu meta jinbiegħ jew meta jasal għand il-konsumatur finali, u jinkludi l-postijiet tad-distribuzzjoni, l-operazzjonijiet tal-catering, il-canteens tal-fabbriki, il-catering istituzzjonali, ir-ristoranti u postijiet oħra simili li joffru servizz tal-ikel, ħwienet, ċentri tad-distribuzzjoni tas-supermarkets u ħwienet li jbigħu bl-ingrossa

Anness IV: L-approvazzjoni ta' mħażen tal-friża li jaħżnu l-ikel ta' oriġini mill-animali



²¹ Kif definit fl-Artikolu 3.7 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002: “bejgħ bl-imnut” tfisser it-ttrattament u/jew l-ipproċessar tal-ikel u l-ħżin tiegħu meta jinbiegħ jew meta jasal għand il-konsumatur finali, u jinkludi l-postijiet tad-distribuzzjoni, l-operazzjonijiet tal-catering, il-canteens tal-fabbriki, il-catering istituzzjonali, ir-ristoranti u postijiet oħra simili li joffru servizz tal-ikel, ħwienet, ċentri tad-distribuzzjoni tas-supermarkets u ħwienet li jbigħu bl-ingrossa